☐ għajnuna għal servizzi ta' konsulenza ta' l-innovazzjoni;

☐ għajnuna għal servizzi ta' appoġġ għall-innovazzjoni;

B) Jekk hija għajnuna għal servizzi ta' konsulenza ta' l-innovazzjoni, speċifika l-ispejjeż eliġibbli:

☐ konsulenza fil-maniġment: .....

☐ għajnuna teknoloġika: .....

☐ servizzi ta' trasferiment ta' teknoloġija: .....

☐ taħriġ: .....

☐ konsulenza għal akkwist, ħarsien u kummerċ fi Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali u għal ftehim ta' liċenzjar: .....

☐ konsulenza dwar l-użu ta' standards: .....

C) Jekk hija għajnuna għal servizzi ta' konsulenza ta' l-innovazzjoni, speċifika l-ispejjeż eliġibbli:

☐ spazju ta' l-uffiċċju: .....

☐ Banek tad-data: .....

☐ servizzi ta' libreriji tekniċi: .....

☐ riċerka tas-suq: .....

☐ użu tal-laboratorju: .....

☐ tikkettar ta' kwalità: .....

☐ ittestjar u ċertifikazzjoni: .....

4.6.3 Kundizzjonijiet speċjali għal entità mhux spekulattiva

Jekk il-fornituri tas-servizz m'humiex entitajiet spekulattivi, l-għajnuna tista' tingħata fil-forma ta' prezz imnaqqas, bħala d-differenza bejn il-prezz imħallas u l-prezz tas-suq (jew prezz li jirrifletti l-ispejjeż kollha flimkien ma' marġni raġonevoli).

A) L-għajnuna hija mogħtija fil-forma ta' prezz imnaqqas?

☐ iva ☐ le

([64]) Cf.il-Qafas R&D&I, Taqsima 5.6.

▼M3

Jekk iva, ipprovdi provi ta' l-eżistenza ta' sistema li tassigura t-trasparenza dwar l-ispejjeż kollha tas-servizzi ta' konsulenza ta' l-innovazzjoni u ta' l-appoġġ għall-innovazzjoni pprovduti, u kif ukoll dwar il-prezz imħallas mill-benefiċjarji, sabiex l-għajnuna rċevuta tkun tista' tiġi mkejla u sorveljata.

.....

.....

4.7 *Għajnuna għas-self ta' persunal bi kwalifiki għolja* ([65]) **(għall-SMEs)**

4.7.1 Kondizzjonijiet ġenerali

A) Minn fejn jiġi l-persunal bi kwalifiki għolja ([66])?

☐ organizzazzjonijiet tar-riċerka;

☐ intrapriżi kbar.

Ipprovdi dettalji (jekk possibbli) dwar l-organizzazzjonijet tar-riċerka u l-intrapriżi kbar.

.....

.....

B) Jekk jogħġbok ikkonferma li:

☐ il-persunal issekondat ma jkunx qed jibdel persunal ieħor;

☐ il-persunal issekondat jiġi impjegat f'funzjoni ġdida maħluqa fi ħdan l-impriża benefiċjarja;

Jekk jogħġbok speċifika din il-funzjoni ġdida maħluqa:

.....

.....

☐ il-persunal issekondat ikun ġie impjegat għal ta' l-inqas sentejn fl-organizzazzjonijiet tar-riċerka jew l-intrapriżi l-kbar li jkunu qed jissekondaw il-persunal;

☐ il-persunal issekondat jaħdem f'attivitajiet ta' l-R&D&I fl-SME li qed tirċievi l-għajnuna.

4.7.2 Spejjeż eliġibbli u intensitajiet ta' l-għajnuna

A) Speċifika l-ispejjeż eliġibbli:

☐ spejjeż sabiex jittieħed b'self u jiġi impjegat persunal bi kwalifiki għolja:

.....

☐ konċessjoni tal-mobbiltà għall-persunal issekondat: .....

B) ☐ Jekk jogħġbok ikkonferma li-ispejjeż ta' konsulenza (il-ħas tas-servizz mogħti mill-eserpt mingħajr l-ingaġġ ta' l-espert ma' l-impriża) huma eskluż mill-ispejjeż eliġibbli taħ l-għajnuna għal self ta' persunal kwalifikat ħafna.

C) Speċifika l-intensità massima ta' l-għajnuna ([67]) (%): .....

4.8 *Għajnuna għar-raggruppamenti ta' l-innovazzjoni* ([68])

4.8.1 Kondizzjonijiet ġenerali

A) X'tip ta' għajnuna ngħatat lill-benefiċjarji?

☐ għajnuna għall-investiment;

☐ għajnuna ta' l-operazzjoni għall-animazzjoni tar-raggruppamenti.

([65]) Cf.il-Qafas R&D&I, Taqsima 5.7.

([66]) Għad-definizzjoni ara it-Taqsima 2.2. (k) tal-Qafas R&D&I.

([67]) L-intensità massima ta' l-għajnuna hija 50 % ta' l-ispejjeż eliġibbli, għal massimu ta' tliet snin għal kull impriża u għal kull persuna meħuda b'self.

([68]) Cf.il-Qafas R&D&I, Taqsima 5.8.

▼M3

B) Jekk jogħġbok ikkonferma li:

☐ l-għajnuna hija esklussivament mogħtija lill-entitajiet legali li joperaw ir-raggruppamenti ta' l-innovazzjoni;

☐ il-benefiċjarji huma responsabbli mill-immaniġġjar tal-parteċipazzjoni u l-aċċess għall-bini, il-faċilitajiet u l-attivitajiet tar-raggruppamenti;

Jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji:

.....

.....

☐ aċċess għall-bini, il-faċilitajiet u l-attivitajiet tar-raggruppamenti m'huwiex ristrett.

C) Id-drittijiet imħallsa għall-użu tal-faċilitajiet tar-raggruppament u għall-parteċipazzjoni fl-attivitajiet tar-raggruppament jirriflettu l-ispejjeż tagħhom?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok indika kif dan huwa assigurat:

.....

.....

Jekk le, jekk jogħġbok ipprovdi dettalji (speċjalment fir-rigward ta' l-eżistenza ta' l-għajnuna skond it-tifsira ta' l-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE, ara t-Taqsima 3.1 tal-Qafas R&D&I):

.....

.....

D) Jekk jogħġbok ehmeż analiżi ta' l-ispeċjalizzazzjoni teknoloġika tar-raggruppament ta' l-innovazzjoni, il-potenzjal reġjonali eżistenti, il-kapaċità tar-riċerka eżistenti, il-preżenza ta' raggruppamenti fil-Komunità b'għanijiet u b'volumi tas-suq potenzjali simili għall-attivitajiet fir-raggruppament:

.....

.....

4.8.2 Speċifika l-kundizzjonijiet dwar l-għajnuna ta' l-investiment għall-animazzjoni tar-raggruppamenti

A) X'tip ta' investiment sar?

☐ twaqqif ta' raggruppamenti ta' l-innovazzjoni;

☐ espansjoni tar-raggruppamenti ta' l-innovazzjoni;

☐ animazzjoni tar-raggruppamenti ta' l-innovazzjoni.

B) Għal liema faċilitajiet tingħata l-għajnuna?

☐ faċilitajiet għaċ-ċentru tat-taħriġ u r-riċerka;

☐ aċċess miftuħ għall-infrastrutturi, il-laboratorju, il-faċilità ta' l-ittestjar tar-riċerka;

☐ infrastrutturi tan-netwerk broadband.

C) Speċifika l-ispejjeż eliġibbli:

☐ spejjeż relatati ma' l-investiment fl-art: .....

☐ fil-bini: .....

☐ fil-makkinarju: .....

☐ fl-apparat: .....

D) X'inhi l-intensità ta' l-għajnuna bażika (%) ([69]): .....

Jekk applikabbli, x'inhi l-intensità ta' l-għajnuna bażika għal reġjuni li jaqgħu taħt l-Artikolu 87(3)(a) tat-Trattat tal-KE:

— b'inqas minn 75 % tal-PGD per capita medja ta' l-UE-25, reġjuni li jinsabu fil-periferija bi PGD per capita ogħla u reġjuni ta' effect statistiku (sa l-1 ta' Jannar 2011) (%) ([70]): .....

([69]) L-intensità massima ta' l-għajnuna hija 15 % ta' l-ispejjeż eliġibbli.

([70]) L-intensità massima ta' l-għajnuna hija 30 % ta' l-ispejjeż eliġibbli.

▼M3

— B'inqas minn 60 % tal-PGD per capita medja ta' l-UE-25(%) ([71]): .....

— B'inqas minn 45 % tal-PGD per capita medja ta' l-UE-25(%) ([72]): .....

Jekk applikabbli, x'inhi l-intensità ta' l-għajnuna bażika għal reġjuni ta' effett statistiku li jaqgħu taħt l-Artikolu 87(3)(a) tat-Trattat tal-KE mill-1 ta' Jannar 2001 (%) ([73]): .....

E) Jingħata bonus lill-benefiċjarji?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika hawn taħt:

— Tapplika bonus ta' l-SME?

☐ iva ☐ le

Speċifika l-livell ta' bonus applikabbli għall-intrapriżi żgħar ([74]): .....

Speċifika l-livell ta' bonus applikabbli għall-intrapriżi ta' daqs medju ([75]): .....

— Tapplika bonus għall-impriżi li jinsabu f'reġjuni l-aktar imbiegħda?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika l-livell ta' bonus applikabbli għall-impriżi li jinsabu fir-reġjuni l-aktar imbiegħda:

— Fejn il-PGD tagħhom per capita taqa' taħt il-75 % tal-medja tal-PGD ta' l-UE-25 (%) ([76]): ....

— reġjuni oħra l-aktar imbiegħda (%) ([77]): .....

4.8.3 Speċifika l-kundizzjonijiet dwar l-għajnuna ta' l-operazzjoni għall-animazzjoni tar-raggruppamenti

A) Għal kemm żmien tingħata din l-għajnuna: ..... snin

Jekk l-għajnuna tingħata għall-perjodu itwal minn ħames snin, jekk jogħġbok ipprovdi provi konvinċenti sabiex tiġġustifika tali perjodu itwal ([78]).

.....

.....

B) L-għajnuna hija digressiva?

☐ iva ☐ le

C) Speċifika l-ispejjeż eliġibbli:

☐ marketing tar-raggruppament għar-reklutaġġ ta' kumpanniji ġodda sabiex jieħdu sehem fir-raggruppament: .....

☐ amministrazzjoni tal-faċilitajiet ta' l-aċċess miftuħ tar-raggruppament: .....

☐ Organizzazzjoni ta' programmi ta' taħriġ, workshops u konferenzi sabiex jappoġġjaw il-qsim ta' l-għarfien u n-networking bejn il-membri tal-cluster: .....

D) Intensità ta' l-għajnuna:

— għajnuna digressiva (jekk jogħġbok speċifika r-rati digressivi għal kull sena) ([79]): .....

— għajnuna mhux digressiva (%) ([80]): .....

([71]) L-intensità massima ta' l-għajnuna hija 40 % ta' l-ispejjeż eliġibbli.
([72]) L-intensità massima ta' l-għajnuna hija 50 % ta' l-ispejjeż eliġibbli.
([73]) L-intensità massima ta' l-għajnuna hija 20 % ta' l-ispejjeż eliġibbli.
([74]) L-intensità ta' l-għajnuna tista' tiżdied b'massimu ta' 20 punt perċentwali għall-intrapriżi żgħar.
([75]) L-intensità ta' l-għajnuna tista' tiżdied b'massimu ta' 10 punti perċentwali għall-intrapriżi ta' daqs medju.
([76]) L-intensità ta' l-għajnuna tista' tiżdied b'massimu ta' 20 punti perċentwali.
([77]) L-intensità ta' l-għajnuna tista' tiżdied b'massimu ta' 10 punti perċentwali.
([78]) Fi kwalunkwe każ, il-perjodu ma jista' qatt jeċċedi l-għaxar snin.
([79]) L-intensità tista' tasal sa 100 % għall-ispejjeż eliġibbli fl-ewwel sena iżda trid tkun naqset b'mod lineari sa żero sa l-aħħar tal-ħames sena.
([80]) L-intensità massima ta' l-għajnuna hija 50 % ta' l-ispejjeż eliġibbli.

▼M3

5. **L-effett ta' l-inċentiv u l-ħtieġa ta' l-għajnuna** ([81])

5.1. *Kundizzjoni ġenerali*

Jekk jogħġbok ikkonferma li meta tingħata l-għajnuna taħt il-miżura notifikata, ikun assigurat li l-attivitajiet R&D&I tal-benefiċjarji individwali ma jibdewx qabel l-applikazzjoni tagħhom għall-għajnuna jew id-deċiżjoni ta' l-għotja fil-każ ta' għajnuna fiskali.

☐ iva

Jekk jogħġbok ipprovdi dettalji dwar kif se tkun assigurata l-konformità ma' din il- kundizzjoni.

.....

.....

Fil-każ li l-għajnuna tingħata għall-proġetti ta' intrapriżi kbar, lil SMEs jekk teċċedi EUR 7.5 miljun, għall-innovazzjoni tal-proċess u ta' l-organizzazzjoni fis-servizzi u għar-raggruppamenti ta' l-innovazzjoni, jekk jogħġbok ikkonferma li l-effett ta' l-inċentiv se jkun evalwat fuq il-bażi ta' mill-inqas wieħed mill-indikaturi li ġejjin:

☐ żieda fid-daqs tal-proġett;

☐ żieda fl-ambitu;

☐ żieda fil-ħeffa;

☐ żieda fl-ammont totali minfuq fl-R&D&I;

☐ oħra: .....

Jekk jogħġbok ipprovdi dettalji dwar kif dan ser jitwettaq:

.....

.....

6. **Kumulazzjoni** ([82])

A) L-għajnuna mogħtija taħt l-iskema notifikata hija marbuta ma' l-għajnuna l-oħra ([83])?

☐ iva ☐ le

B) Jekk iva, jekk jogħġbok iddeskrivi r-regoli tal-kumulu applikabbli għall-iskema ta' l-għajnuna notifikata:

.....

.....

.....

.....

C) Jekk jogħġbok speċifika kif ir-rispett tar-regoli tal-kumulu se jkun verifikat fl-iskema ta' l-għajnuna notifikata:

.....

.....

.....

.....

7. **Mistoqsijiet speċifiċi dwar l-agrikoltura u s-sajd** ([84])

A) L-għajnuna ta' l-R&D tikkonċerna prodotti elenkati fl-Anness I tat-Trattat tal-KE?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika t-tip ta' prodotti:

.....

.....

([81]) Cf.il-Qafas R&D&I, Kapitolu 6.

([82]) Cf.il-Qafas R&D&I, Kapitolu 8.

([83]) Jekk jogħġbok innota li l-għajnuna għall-R&D&I m'għandhiex tiġi akkumulata ma' l-appoġġ de minimis fir-rigward ta' l-istess spejjeż eliġibbli biex jiġu evitati l-intensitajiet massimi ta' l-għajnuna stipulati fil-Qafas R&D&I.

([84]) Cf.il-Qafas R&D&I, Kapitolu 9.

▼M3

B) Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi t-tweġibiet għall-mistoqsijiet li ġejjin:

— l-għajnuna hija ta' interess ġenerali għas-settur partikolari jew is-settur sekondarju kkonċernat?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, ipprovdi provi:

.....

.....

— l-informazzjoni li r-riċerka se ssir, u b'liema għan, hija ppubblikata fuq l-internet qabel il-bidu tar-riċerka U l-informazzjoni ppubblikata tinkludi data prossimattiva tar-riżultati mistennija u l-post tagħhom tal-pubblikazzjoni fuq l-internet, kif ukoll indikazzjoni li r-riżultat jkun disponibbli bla ħlas?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, ipprovdi provi u speċifika l-indirizz ta' l-internet:

.....

.....

— ir-riżultati tar-riċerka huma disponibbli fuq l-internet, għal perjodu ta' ħames snin ta' l-inqas U jista' jiġi kkonfermat li l-informazzjoni fuq l-internet se tkun ippubblikata mhux aktar tard minn meta kwalunkwe informazzjoni tingħata lil membri ta' kwalunkwe organizzazzjoni partikolari?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, ipprovdi provi:

.....

.....

— l-għajnuna tingħata direttament lill-istituzzjoni jew korp tar-riċerka U teskludi l-għotja diretta ta' għajnuna mhux relatata mar-riċerka lil kumpannija li tipproduċi, tipproċessa jew tqiegħed fis-suq prodotti agrikoli, kif ukoll il-provvista ta' sostenn tal-prezz lill-produtturi ta' dawn il-prodotti?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, ipprovdi provi:

.....

.....

Jekk ir-risposti għall-erba' kundizzjonijiet kollha fit-Taqsima B hawn fuq huma iva, l-intensità ta' l-għajnuna sa 100% tista' tkun permessa. Jekk le, każi ta' l-għajnuna ta' l-R&D għall-prodotti elenkati fl-Anness 1 tat-Trattat tal-KE għandhom jiġu eżaminati taħt ir-regoli normali tal-Qafas R&D&I.

C) Speċifika l-intensità ta' l-għajnuna totali (%): .....

D) Kooperazzjoni skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-EAFRD ([85])

Il-kooperazzjoni ġiet approvata għall-kofinanzjament tal-Komunità taħt l-Artikolu 29 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 U/JEW l-għajnuna mill-Istat hija mogħtija bħala finanzjament addizzjonali taħt l-Artikolu 89 ta' dan ir-Regolament taħt l-istess kundizzjonijiet u bl-istess intensità tal-kofinanzjament ([86])?

☐ iva ☐ le

Jekk le, każi ta' l-għajnuna ta' l-R&D għall-prodotti elenkati fl-Anness 1 tat-Trattat tal-KE għandhom jiġu eżaminati taħt ir-regoli normali tal-Qafas R&D&I.

([85]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 ta' l-20 ta' Settembru 2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD), (ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1) kif emendat mir-Regolament (KE) nru 1463/2006 (ĠU L 277, 9.10.2006, p. 1).

([86]) Il-Kummissjoni se tippermetti l-għajnuna mill-Istat għall-kooperazzjoni skond l-Artikolu 29 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 ta' l-20 ta' Settembru 2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD) jekk din il-kooperazzjoni tkun ġiet approvata għall-kofinanzjament Komunitarju taħt dak l-Artikolu u/jew l-għajnuna mill-Istat tingħata bħala finanzjament addizzjonali skond l-Artikolu 89 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 taħt l-istess kundizzjonijiet u bl-istess intensità bħall-kofinanzjament.

▼M3

8. **Rappurtar u monitoraġġ** ([87])

8.1 *Rapporti annwali*

Jekk jogħġbok innota li din l-obbligazzjoni ta' rappurtar hija mingħajr ħsara għall-obbligu ta' rappurtar taħt ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill Nru 659/1999 ([88]).

A) Jekk jogħġbok ħu ħsieb tibgħat rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni ta' l-iskema notifikata lill-Kummissjoni, li jkollhom l-elementi kollha elenkati hawn taħt ([89]):

— l-isem tal-benefiċjarju;

— l-ammont ta' għajnuna għal kull benefiċjarju;

— l-intensità ta' l-għajnuna;

— is-setturi ta' l-attività fejn isiru l-proġetti megħjuna.

☐ iva

B) Jekk jogħġbok għal għajnuna kollha mogħtija taħt skema approvata lil impriżi kbar ħu ħsieb spjega fir-rapport annwali kif l-effett ta' l-inċentiv ġie rispettat għall-għajnuna mogħtija li dawn l-impriżi ([90]).

☐ iva

8.2 *Aċċess għat-test sħiħ ta' l-iskemi*

A) Jekk jogħġbok ħu ħsieb tippubblika fuq l-internet it-test sħiħ ta' l-iskemi ta' l-għajnuna finali kif approvata mill-Kummissjoni fuq l-internet.

☐ iva

Jekk jogħġbok agħti l-indirizz ta' l-internet: .....

B) Jekk jogħġbok ikkonferma li l-iskema, kif approvata mill-Kummissjoni, mhix ser tiġi applikata qabel ma' l-informazzjoni tiġi ppubblikata fuq l-internet (kif rikjest taħt Taqsima A hawn fuq).

☐ iva

8.3 *Il-karti ta' l-informazzjoni, il-monitoraġġ*

A) Jekk jogħġbok, kull meta tingħata għajnuna għall-R&D&I fuq il-bażi ta' skemi ta' l-għajnuna mingħajr ma jaqgħu taħt l-obbligu ta' notifika individwali, u li teċċedi EUR 3 miljun ([91]), ħu ħsieb tipprovdi lill-Kummissjoni fi żmien 20 jum tax-xogħol mill-għotja ta' l-għajnuna mill-awtorità kompetenti l-informazzjoni meħtieġa fil-formola standard stipulata fl-Anness tal-Qafas ta' l-R&D&I.

☐ iva

B) Jekk jogħġbok ħu ħsieb iżżomm rendikont dettaljat dwar l-għoti ta' l-għajnuna, bl-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex jiġi stabbilit li l-ispejjeż eliġibbli u l-intensità massima ta' l-għajnuna permessa jkunu ġew osservati.

☐ iva

C) Jekk jogħġbok ħu ħsieb tassigura li r-rendikont dettaljat imsemmi fit-Taqsima B hawn fuq jinżamm għal għaxar snin mid-data ta' l-għoti ta' l-għajnuna.

☐ iva

D) Jekk jogħġbok ikkommetti ruħek li tippreżenta r-rekords imsemmija fit-Taqsima B aktar 'il fuq fuq talba tal-Kummissjoni.

☐ iva

9. **Informazzjoni oħra**

Jekk jogħġbok agħti kwalunkwe informazzjoni oħra li tikkunsidra meħtieġa sabiex il-miżura/i in kwistjoni jiġu evalwati taħt il-Qafas Komunitarju għall-għajnuna mill-Istat għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni.

([87]) Cf.il-Qafas R&D&I, Taqsima 10.1.

([88]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1).

([89]) Fir-rigward tar-rekwiżiti speċifiċi tar-rappurtaġġ għall-għajnuna fiskali u r-raggruppamenti, jekk jogħġbok ara t-Taqsima 10.1.1 (it-tielet u r-raba' paragrafu) tal-Qafas R&D&I.

([90]) Partikolarment bl-użu tal-kriterji speċifikati fit-Taqsima 6 tal-Qafas R&D&I.

([91]) Jekk applikabbli, jekk jogħġbok ipprovdi r-rata tal-kambju użata meta twieġeb din il-mistoqsija.

▼M3

PARTI III.6.B

DOKUMENT TA' INFORMAZZJONI SUPPLEMENTARI GĦALL-GĦAJNUNA GĦAR-RIĊERKA U L-IŻVILUPP U L-INNOVAZZJONI: GĦAJNUNA INDIVIDWALI

Dan id-dokument ta' informazzjoni supplementari għandu jintuża għan-notifika ta' għajnuna individwali koperta mill-qafas tal-Komunità għall-għajnuna mill-Istat għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni (minn hawn 'il quddiem 'il-Qafas R&D&I') ([92]). *Għandu jintuża wkoll għall-għajnuna individwali għar-Riċerka u l-Iżvilupp għall-SME, li ma taqax taħt Regolament ta' l-Eżenzjoni ta' Kategorija* ([93]) *jew hija soġġetta għal obbligu ta' notifika individwali minħabba li taqbeż il-limiti tan-notifika individwali stabbiliti fl-eżenzjoni ta' kategorija. Dan id-dokument ta' notifika jkopri wkoll l-għajnuna individwali maħsuba għall-ħarsien, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agrikoli.*

1. **Aratteristiċi bażiċi tal-miżura nnotifikata**

*Jekk jogħġbok imla l-partijiet relevanti tal-formola tan-notifika li tikkorrispondi man-natura tal-miżura nnotifikata. B'mod partikolari, jekk jogħġbok innota li t-*Taqsima 8 *għandha timtela biss jekk il-miżura nnotifikata hija soġġetta għal evalwazzjoni dettaljata, jiġifieri biss jekk ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet tat-*Taqsima 7*. Hawn taħt għandek issib gwida bażika.*

A) L-għajnuna hija mogħtija sabiex jiġi promoss it-twettiq ta' proġett importanti ta' interess Ewropew komuni?

☐ iva ☐ le

*Jekk iva, jekk jogħġbok imla t-*Taqsima 4 *(Kompatibilità ta' l-għajnuna taħt l-Artikolu 87 (3) (b) tat-Trattat tal-KE) ta' dan id-dokument ta' informazzjoni supplementari. Minbarra dan, jekk jogħġbok imla t-*Taqsima 11 *('Rappurtar u monitoraġġ').*

B) Jekk le, jekk jogħġbok speċifika t-tip ta' għajnuna u imla s-sub-taqsimiet relevanti tat-Taqsima 5 (Kompatibilità ta' l-għajnuna taħt l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat tal-KE) ta' dan id-dokument ta' informazzjoni supplementari.

☐ Għajnuna għal proġetti ta' riċerka u żvilupp, *imla t-Taqsima 5.1*;

☐ Għajnuna għal studji ta' fattibilità teknika, *imla t-Taqsima 5.2*;

☐ Għajnuna għal spejjeż ta' dritt ta' proprjetà industrijali, *imla t-Taqsma 5.3*;

☐ Għajnuna għal impriżi ġodda innovattivi, *imla t-Taqsima 5.4*;

☐ Għajnuna għall-innovazzjoni tal-proċessi u l-organizzazzjoni fis- servizzi, *imla t-Taqsima 5.5*;

☐ Għajnuna għal servizzi ta' konsulenza ta' l-innovazzjoni u għal servizzi ta' appoġġ għall-innovazzjoni, *imla t-Taqsima 5.6*;

☐ Għajnuna għas-self ta' persunal kwalifikat ħafna, *imla t-Taqsima 5.7*;

☐ Għajnuna għal ragruppamenti (*clusters*) ta' innovazzjoni, *imla t-Taqsima 5.8*;

Minbarra dan, jekk jogħġbok imla: It-Taqsima 6 *('Effett ta' inċentiva u neċessità ta' l-għajnuna') sabiex tivverifika l-effett ta' inċentiva,* it-Taqsima 7 *('Kriterji li jwasslu għal valutazzjoni dettaljata') sabiex jiġi vverifikat jekk l-għajnuna nnotifikata tkunx soġġetta għall-evalwazzjoni dettaljata tat-*Taqsima 8 *('Informazzjoni addizzjonali għal valutazzjoni dettaljata') u* t-Taqsima 11 *('Rappurtar u monitoraġġ').*

C) L-għajnuna tinvolvi organizzazzjonijiet ta' riċerka ([94])/intermedjarji ta' l-innovazzjoni?

☐ iva ☐ le

*Jekk iva, imla t-*Taqsima 2 u/jew 3 *('Organizzazzjonijiet ta' riċerka u intermedjarji ta' l-innovazzjoni' u 'Għajnuna indiretta mill-Istat għal impriżi permezz ta' organizzazzjonijiet ta' riċerka ffinanzjati pubblikament') ta' dan id-dokument ta' informazzjoni supplementari.*

D) Din l-għajnuna tista' tiġi kkombinata ma' għajnuna oħra?

☐ iva ☐ le

*Jekk iva, imla t-*Taqsima 9 *(Akkumulazzjoni) ta' dan id-dokument ta' informazzjoni supplementari.*

([92]) Qafas tal-Komunità għall-għajnuna mill-Istat għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni, (ĠU C 323, 30.12.2006, p. 1).

([93]) Bħalissa r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 70/2001 tat-12 ta' Jannar 2001 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat għal impriżi ta' daqs żgħir jew medju, (ĠU L 10, 13.1.2001, p. 33) kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nr 364/2004 tal-25 ta' Frar 2004 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001 fir-rigward ta' l-estensjoni tal-firxa ta' l-applikazzjoni tiegħu sabiex tinkludi r-riċerka u l-iżvilupp (ĠU L 63, 28.2.2004, p. 22) jew kwalunkwe regolament sussegwenti li joħodlu postu.

([94]) Għad-definizzjoni ara t-Taqsima 2.2. (d) tal-Qafas R&D&I.

▼M3

E) L-għajnuna fir-riċerka u l-iżvilupp tikkonċerna prodotti elenkati fl-Anness I tat-Trattat tal-KE?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, imla t-Taqsima 10 (Mistoqsijiet speċifiċi relatati ma' l-agrikoltura u s-sajd) ta' dan id-dokument ta' informazzjoni supplementari.

F) Fil-kaz li l-għajnuna individwali nnotifikata hija bbażata fuq skema approvata, jekk jogħġbok ipprovdi dettalji li jirrigwardaw dik l-iskema, inkluża r-referenza tal-pubblikazzjoni (indirizz ta' l-internet) u n-numru tar-reġistrazzjoni ta' l-għajnuna mill-Istat:

.....

.....

G) Jekk jogħġbok ikkonferma jekk l-għajnuna speċifika ([95])/bonus għall-SMEs tingħata, il-benefiċjarju jikkonforma mad-definizzjoni ta' SME kif definita mil-leġiżlazzjoni tal-Komunità ([96]):

☐ iva

Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni u provi relevanti:

.....

.....

H) Jekk l-għajnuna tinvolvi kummissjonar/xiri ta' attivitajiet/riżultati ta' l-R&D minn impriżi minn awtoritajiet pubbliċi, dawk li jipprovdu dawn l-attivitajiet/riżultati jintgħażlu fi proċedura miftuħa ta' l-offerti ([97])?

☐ iva ☐ le

Jekk le, jekk jogħġbok innota li dawn il-pagamenti mill-awtoritajiet pubbliċi lil impriżi normalment ikunu jinvolvu għajnuna mill-Istat.

I) Jekk applikabbli, jekk jogħġbok ipprovdi rata ta' skambju li ġiet użata għall-fini tan-notifika: .....

J) Id-dokumenti kollha pprovduti mill-Istati Membri bħala annessi għall-formola tan-notifika għandhom jiġu nnumerati u n-numri tad-dokumenti għandhom jiġu identifikati fil-partijiet relevanti ta' dan id-dokument ta' informazzjoni supplementari.

2. **Organizzazzjonijiet ta' riċerka u intermedjarji ta' l-innovazzjoni bħala destinatarji ta' għajnuna mill- istat** ([98])

Jekk hemm diversi organizzazzjonijiet tar-riċerka jew intermedjarji ta' l-innovazzjoni involuti fil-proġett nnotifikat, jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni ta' hawn taħt għal kull wieħed minnhom.

2.1 *Finanzjament pubbliku għal attivitajiet mhux ta' natura ekonomika*

A) L-organizzazzjoni tar-riċerka jew intermedjarju ta' l-innovazzjoni mhux għal skop ta' lukru twettaq attività ekonomika ([99]) (attività li tikkonsisti fil-forniment ta' oġġetti u/jew servizzi f'suq partikolari)?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok agħti deskrizzjoni ta' dawn l-attivitajiet: …

.....

.....

B) Jekk l-istess entità twettaq attivitajiet ta' natura sew ekonomika u kif ukoll mhux ekonomika ([100]), iż-żewġ tipi ta' attivitajiet u l-ispejjeż u l-finanzjament tagħhom jistgħu jiġu mifruda b'mod ċar?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, ipprovdi dettalji:

.....

.....

Jekk iva, jekk jogħġbok innota li l-finanzjament pubbliku ta' l-attivitajiet non-ekonomiċi ma jaqax taħt l-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE. Jekk le, il-finanzjament pubbliku ta' attivitajiet ekonomiċi normalment jinvolvi għajnuna mill-istat.

([95]) Jiġifieri miżuri taħt it-Taqsimiet 5.3, 5.4, 5.6 u 5.7 tad-dokument ta' informazzjoni supplementari. Jekk jogħġbok innota li l-miżura taħt it-Taqsima 5.4 hija limitata għal impriżi żgħar.

([96]) Ara n-nota 20.

([97]) Cf. Qafas R&D&I, Taqsima 2.1.

([98]) Cf. Qafas R&D&I, Taqsima 3.1.

([99]) Għad-dettalji ara t-Taqsima 3.1.1 tal-Qafas ta' l-R&D&I (nota ta' qiegħ il-paġna 24).

([100]) Għad-dettalji ara t-Taqsima 3.1.1 (it-2 u t-3 paragrafi) tal-Qafas ta' l-R&d&I.

▼M3

2.2 *Finanzjament pubbliku għal attivitajiet ta' natura ekonomika*

A) L-Istat Membru jista' jipprova li:

— it-totalità tal-finanzjament mill-Istat ġiet trasferita mill-organizzazzjoni tar-riċerka jew intermedjarju ta' l-innovazzjoni mhux għal skop ta' lukru (li jwettqu attivitajiet ekonomiċi) lid-destinatarji finali;

U

— m'hemm l-ebda vantaġġ mogħti lill-intermedjarju?

☐ iva ☐ le

Jekk jogħġbok ipprovdi dettalji u provi:

.....

.....

Jekk iva, jekk jogħġbok innota li l-organizzazzjonijiet intermedjarji ma jistgħux ikunu destinatarji ta' għajnuna mill-Istat Fir-rigward ta' l-għajnuna lid-destinatarji finali, japplikaw ir-regoli normali ta' l-għajnuna mill-Istat.

3. **Ħajnuna indiretta mill-istat lil impriżi permezz ta' organizzazzjonijiet tar-riċerka ffinanzjati pubblikament** ([101])

Jekk hemm diversi organizzazzjonijiet tar-riċerka jew intermedjarji ta' l-innovazzjoni involuti fil-proġett innotifikat, jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni ta' hawn taħt għal kull wieħed minnhom.

3.1 *Riċerka f'isem impriżi*

A) Il-proġett appoġġjat qed jitwettaq minn organizzazzjoni tar-riċerka f'isem impriżi?

☐ iva ☐ le

B) Jekk iva, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka (li jaġixxu bħala aġenti) jagħtu servizzi lill-impriżi (li jaġixxu bħala l-entità prinċipali) f'sitwazzjonijiet, fejn:

— l-aġenti jirċievu ħlas ta' remunerazzjoni adegwata għas-servizzi tagħhom,

☐ iva ☐ le

U

— l-entitatijiet prinċipali jispeċifikaw it-termini u l-kundizzjonijiet ta' dawn is-servizzi?

☐ iva ☐ le

Jekk jogħġbok agħti d-dettalji:

.....

.....

C) L-organizzazzjonijiet tar-riċerka jipprovdu s-servizzi tagħhom bil-prezz tas-suq?

☐ iva ☐ le

Jekk m'hemmx prezz tas-suq, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka jipprovdu s-servizzi tagħhom bi prezz li jirrifletti l-ispejjeż kollha flimkien ma' marġini raġonevoli?

☐ iva ☐ le

Jekk jogħġbok agħti d-dettalji:

.....

.....

Jekk organizzazzjoni tar-riċerka tipprovdi servizzi u jekk it-tweġiba għal waħda mill-mistoqsijiet fit-Taqsima C hija iva, normalment ma tkunx ingħatat għajnuna mill-Istat lill-impriżi permezz ta' l-organizzazzjoni tar-riċerka.

3.2 *Kollaborazzjoni ta' l-impriżi u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka*

A) Il-proġett ta' kollaborazzjoni jitwettaq b'mod konġunt bejn l-impriżi u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, ipprovdi dettalji dwar is-sħubijiet:

.....

.....

([101]) Cf. Qafas R&D&I, Taqsima 3.2.

▼M3

B) Jekk iva, l-impriżi li jieħdu sehem iġorru l-ispejjeż kollha tal-proġetti appoġġjati taħt l-iskema nnotifikata?

☐ iva ☐ le

Ir-riżultati li ma jagħtux lok għal drittijiet ta' proprjetà intellettwali huma mxerrda b'mod wiesa' U d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali li jirriżultaw mill-attività ta' l-organizzazzjonijiet tar-riċerka huma allokati għal kollox ([102]) lill-organizzazzjonijiet tar-riċerka?

☐ iva ☐ le

L-organizzazzjonijiet tar-riċerka jirċievu mill-impriżi li jkunu qed jieħdu sehem kumpens ekwivalenti għall-prezz tas-suq għad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali ([103]) li jirriżultaw mill-attività ta' l-organizzazzjonijiet tar-riċerka mwettqa il-proġett u li huma trasferiti għall-impriżi li jkunu qed jieħdu sehem?

☐ iva ☐ le

Jekk jogħġbok ipprovdi dettalji (jekk jogħġbok innota li kull kontribuzzjoni ta' l-impriżi li jkunu qed jieħdu sehem għall-ispejjeż ta' l-organizzazzjonijiet tar-riċerka għandha titnaqqas mill-kumpens):

.....

.....

C) Jekk l-ebda waħda mit-tweġibiet għall-mistoqsijiet tat-Taqsima B hija iva, l-Istat Membru jista' jiddependi fuq l-evalwazzjoni individwali tal-proġetti ta' kollaborazzjoni ([104]).

Jekk jogħġbok agħti valutazzjoni individwali tal-proġetti ta' kollaborazzjoni, filwaqt li tikkunsidra l-elementi msemmija hawn fuq. Jekk jogħġbok ehmeż ukoll il-ftehimiet kuntrattwali man-notifika.

Jekk l-ebda waħda mit-tweġibiet għall-mistoqsijiet tat-Taqsima B ma tkun iva u jekk il-valutazzjoni individwali tal-proġetti ta' kollaborazzjoni ma twassalx għall-konklużjoni li m'hemmx għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni tikkunsidra l-valur sħiħ tal-kontribut ta' l-organizzazzjoni tar-riċerka għall-proġett bħala għajnuna għall-impriżi.

4. **Kompatibilità ta' l-għajnuna taħt artikolu 87(3)(b) tat-trattat tal-KE**

Għajnuna għall-R&D&I għall-promozzjoni tat-twettiq ta' proġett ([105]) *importanti ta' interess komuni Ewropew tista' titqies bħala kumpatibbli mas-suq komuni skond l-Artikolu 87(3)(b) tat-Trattat tal-KE.*

4.1 *Kundizzjonijiet ġenerali (kumulattivi)*

A) Jekk jogħġbok ikkonferma li:

☐ il-proġett jikkontribwixxi b'mod konkret, ċar u identifikabbli għall-interess tal-

U

☐ il-vantaġġ miksub mill-għan tal-proġett mhux limitat għal Stat Membru wieħed jew għall-Istati Membri li jimplimentawh, iżda jestendi għall-Komunità kollha ([107]);

U

☐ il-proġett jippreżenta qabża 'l quddiem sostantiva għall-għanijiet tal-Komunità

Jekk jogħġbok ipprovdi dettalji u provi:

.....

.....

([102]) Għad-dettalji ara t-Taqsima 3.2.2 (nota ta' qiegħ il-paġna 28) tal-Qafas R&D&I.

([103]) Għad-dettalji ara t-Taqsima 3.2.2 (nota ta' qiegħ il-paġna 29) tal-Qafas R&D&I.

([104]) Jista' jkun li ma jkunx hemm għajnuna mill-Istat fejn valutazzjoni tal-ftehim kuntrattwali bejn il-partijiet imsieħba twassal għall-konklużjoni li kull dritt ta' proprjetà intellettwali għar-riżultati ta' l-R&D&I u kif ukoll drittijiet ta' aċċess għar-riżultati jkunu allokati lil imsieħba differenti fil-kollaborazzjoni u jkunu jirriflettu b'mod adegwat l-interessi, pakketti ta' xogħol, u kontribuzzjonijiet, finanzjarji u oħrajn, rispettivi tagħhom għall-proġett.

([105]) Il-Kummissjoni tista' tqis ukoll li grupp ta' proġetti jiffurmaw proġett wieħed flimkien.

([106]) Jekk jogħġbok innota li l-interess komuni Ewropew irid jintwera f'termini prattiċi, pereżempju jrid jintwera li l-proġett jagħmilha possibbli li jkun hemm progress sinifikanti lejn il-kisba ta' għanijiet speċifiċi tal-Komunità.

([107]) Il-fatt li l-proġett jitwettaq minn impriżi f'pajjiżi differenti mhux biżżejjed.

▼M3

B) Speċifika l-effetti pożittivi ta' l-għajnuna:

☐ effetti indiretti importanti għas-soċjetà;

☐ kontribuzzjoni tal-miżura għat-titjib tas-sitwazzjoni tal-Komunità fir-rigward ta' l-R&D&I fil-kuntest internazzjonali;

☐ ħolqien ta' swieq ġodda;

☐ żvilupp ta' teknoloġiji ġodda;

☐ effetti pożittivi oħra. Jekk jogħġbok ipprovdi dettalji dwar kull effett pożittiv relevanti ta' l-għajnuna:

.....

.....

C) Jekk jogħġbok ipprovdi t-termini ta' l-implimentazzjoni tal-proġett (inklużi l-parteċipanti, l-għanijiet) ([108]):

.....

.....

D) Jekk jogħġbok ipprovdi dettalji u provi li juru li l-għajnuna hija neċessarja sabiex jinkiseb l-għan definit ta' interess komuni U tippreżenta inċentiva għat-twettiq tal-proġett ([109]):

.....

.....

E) Jekk jogħġbok agħti dettalji u provi li juru li l-proġett jinvolvi livell għoli ta' riskju:

.....

.....

F) Jekk jogħġbok ipprovdi dettalji u provi li juru li l-proġett huwa ta' importanza kbira fir-rigward tal-karattru u l-volum tiegħu ([110]):

.....

.....

4.2 *Deskrizzjoni tal-proġett*

Jekk jogħġbok ipprovdi deskrizzjoni dettaljata tal-proġett. Għall-orjentament jekk jogħġbok ara t-Taqsima 5.1 ta' dan id-dokument ta' informazzjoni supplementari.

.....

.....

5. **Kompatibilità ta' l-għajnuna taħt l-artikolu 87(3) (c) tat-trattat tal-KE**

Jekk hemm diversi benefiċjarji involuti fil-proġett innotifikat, jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni ta' hawn taħt għal kull wieħed minnhom.

5.1 *Għajnuna għall-proġetti ta' l-R&D* ([111])

5.1.1 *Kategorija tar-riċerka* ([112])

A) Jekk jogħġbok indika liema stadji ta' l-R&D ([113]) huma appoġġjati taħt il-miżura nnotifikata ta' għajnuna:

☐ riċerka fundamentali;

☐ riċerka industrijali;

☐ żvilupp sperimentali.

([108]) Jekk jogħġbok innota li l-proġetti jridu jkunu definiti b'mod ċar fir-rigward ta' dawn l-aspetti.

([109]) Għall-orjentament jekk jogħġbok ara l-kriterji inklużi fit-Taqsima 6 ta' dan id-dokument ta' informazzjoni supplementari.

([110]) Jiġifieri huwa relevanti fir-rigward ta' l-għanijiet u huwa ta' daqs sostenibbli.

([111]) Cf. Qafas R&D&I, Taqsima 5.1.

([112]) Sabiex tikklassifika l-attivitajiet, tista' tirreferi għall-prattika tal-Kummissjoni jew għal eżempji u spjegazzjonijiet speċifiċi pprovduti fil-Manwal Frascati dwar il-Kejl ta' Attivitajiet Xjentifiċi u Teknoloġiċi, Prattika Normali Proposta għall-Istħarriġ dwar l-Iżvilupp tar-Riċerka u l-Iżvilupp Espermentali (Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp, 2002).

([113]) Għad-definizzjonijiet ara t-Taqsima 2.2(e), (f), (g) tal-Qafas ta' l-R&D&I.

▼M3

B) Jekk il-proġetti ta' l-R&D jkopru kategoriji differenti ta' riċerka, jekk jogħġbok elenka u kkwalifika l-attivitajiet differenti taħt il-kategoriji ta' riċerka fundamentali, riċerka industrijali jew żvilupp esperimentali jew li ma jaqgħu taħt l-ebda waħda minn dawn il-kategoriji.

.....

.....

5.1.2 Spejjeż eliġibbli

L-ispejjeż eliġibbli kollha jridu jiġu allokati għal kategorija speċifika ta' R&D ([114]). *Jekk jogħġbok speċifika l-ispejjeż eliġibbli u indika l-ammont tagħhom.*

	Riċerka fundamentali	Riċerka industrijali	Żvilupp sperimentali
Spejjeż tal-persunal			
Spejjeż ta' l-istrumenti u l-apparat			
Spejjeż tal-bini u l-art			
Spejjeż tar-riċerka kuntrattwali, għarfien tekniku u brevetti mixtrija jew liċenzjati minn sorsi esterni bil-prezzijiet tas-suq			
Spejjeż addizzjonali illi ntefqu direttament bħala riżultat tal-proġett ta' riċerka			
Spejjeż operattivi oħra			

5.1.3 Intensitajiet ta' l-għajnuna u bonusijiet

L-intensità ta' l-għajnuna hija kkalkulata fuq il-bażi ta' l-ispejjeż eliġibbli tal-proġett. Trid tiġi stabbilita għal kull benefiċjarju ta' l-għajnuna, inkluż fi proġett ta' kollaborazzjoni ([115]).

A) Intensitajiet bażiċi (mingħajr bonusijiet) ([116]):

	Riċerka fundamentali	Riċerka industrijali	Żvilupp sperimentali
Intensità massima ta' l-għajnuna			

([114]) Cf. Taqsima 5.1.4 tal-Qafas ta' l-R&D&I: Dawn l-ispejjeż eliġibbli japplikaw għall-għajnuna għal proġetti ta' l-R&D (Taqsima 5.1) proġetti ta' riċerka u għall-innovazzjoni fil-proċess u fl-organizzazzjoni tas-servizzi (Taqsima 5.5).

([115]) Fil-każ ta' għajnuna mill-Istat għal proġett tar-riċerka u l-iżvilupp li jkun qed jitwettaq f'kollaborazzjoni bejn organizzazzjonijiet tar-riċerka u impriżi, l-għajnuna globali li tkun ġejja minn għajnuna diretta mill-gvern għal proġett speċifiku ta' riċerka u, fejn jikkostitwixxu għajnuna, kontribuzzjonijiet minn organizzazzjonijet ta' riċerka għal dak il-proġett m'għandhomx jaqbżu l-intensitajiet applikabbli ta' għajnuna għal kull impriża li tkun qed tibbenefika.

([116]) L-intensità ta' l-għajnuna ma tistax taqbeż il-100 % għar-riċerka fundamentali, 50 % għar-riċerka industrijali u 25 % għall-iżvilupp esperimentali.

▼M3

B) Bonusijiet:

Il-bonusijiet huma applikati taħt miżura ta' notifika?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika hawn taħt.

— Huwa applikat bonus għall-SMEs?

☐ iva ☐ le

Speċifika l-livell ta' bonus applikabbli ([117]): .....

— Il-bonus huwa għal kollaborazzjoni effettiva bejn l-impriżi (i) jew kollaborazzjoni ta' impriża ma' organizzazzjoni tar-riċerka (ii) jew (biss għal proġetti ta' riċerka industrijali) tixrid tar-riżultati (iii) applikata taħt il-miżura nnotifikata ta' għajnuna?

☐ iva ☐ le

(i) Jekk bonus għal kollaborazzjoni effettiva bejn għallinqas żewġ impriżi, li huma indipendenti minn xulxin, huwa applikat, jekk jogħġbok ikkonferma li l-kundizzjonijiet li ġejjin huma ssodisfati:

☐ l-ebda impriża waħda ma ġġorr aktar minn 70 % ta' l-ispejjeż eliġibbli tal-proġett ta' kollaborazzjoni;

U

☐ il-proġett jinvolvi kollaborazzjoni ma' għall-anqas SME waħda jew il-kollaborazzjoni għandha natura transkonfinali, jiġifieri attivitajiet ta' riċerka u żvilupp li jsiru f'mill-anqas żewġ Stati Membri.

Speċifika l-livell ta' bonus applikabbli ([118]): .....

(ii) Jekk bonus għal kollaborazzjoni effettiva bejn impriża u organizzazzjoni tar-riċerka, partikolarment fil-kuntest ta' koordinazzjoni ta' politika nazzjonali tar-riċerka u l-iżvilupp, hija applikata, jekk jogħġbok ikkonferma li l-kundizzjonijiet li ġejjin huma rispettati:

☐ l-organizzazzjoni tar-riċerka ġġorr mill-anqas 10 % ta' l-ispejjeż eliġibbli;

U

☐ l-organizzazzjoni tar-riċerka għandhom id-dritt li jippubblikaw ir-riżultat tal-proġetti ta' riċerka safejn jirriżultaw minn riċerka implimentata minn dik l-organizzazzjoni.

Speċifika l-livell ta' bonus applikabbli ([119]): .....

(iii) Jekk fil-każ ta' riċerka industrijali jiġi applikat bonus għat-tixrid wiesa' tar-riżultati tal-proġett, jekk jogħġbok speċifika għallinqas wieħed minn dawn il-metodi li ġejjin ta' tixrid wiesa':

☐ konferenzi tekniċi u xjentifiċi;

☐ pubblikazzjoni f'ġurnali xjentifiċi jew tekniċi;

☐ disponibilità f'repożitorji ta' aċċess miftuħ (*databases* fejn id-*data* mhux proċessata jkollu aċċess għaliha kulħadd);

☐ disponibilità permezz ta' *software* b'xejn jew *open source*.

Speċifika l-livell ta' bonus applikabbli ([120]): .....

C) Speċifika l-intensità totali ta' l-għajnuna tal-proġetti appoġġjati taħt il-miżura ta' għajnuna nnotifikata (meta jitqiesu l-bonusijiet) (%): .....

([117]) L-intensità ta' l-għajnuna tista' tiżdied b'10 punti perċentwali għal impriżi ta' daqs medju u b'20 punt perċentwali għal impriżi żgħar.

([118]) L-intensità ta' l-għajnuna tista' tiżdied bi 15-il punt perċentwali, iżda sa massimu ta' 80 %.

([119]) L-intensità ta' l-għajnuna tista' tiżdied bi 15-il punt perċentwali, iżda sa massimu ta' 80 %. Dan il-bonus ma japplikax għall-organizzazzjoni tar-riċerka.

([120]) L-intensità ta' l-għajnuna tista' tiżdied bi 15-il punt perċentwali, iżda sa massimu ta' 80 %.

▼M3

5.1.4 Kundizzjonijiet speċjali għal avvanz li jitħallas lura ([121])

A) L-għajnuna għall-proġetti ta' riċerka u żvilupp hija mogħtija fil-forma ta' avvanz li jitħallas lura?

☐ iva ☐ le

B) L-għajnuna mogħtija fil-forma ta' avvanz li jitħallas lura taħt miżura nnotifikata hija espressa bħala ekwivalenti ta' l-għotja grossa ([122])?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, x'inhi l-intensità ta' l-għajnuna ta' avvanz li jitħallas lura meta espressa bħala ekwivalenti ta' l-għotja grossa ([123]): .....

.....

Minbarra dan, jekk jogħġbok speċifika fuq il-bażi ta' liema skema approvata ta' għajnuna ([124]) qed tingħata l-għajnuna u pprovdi dettalji dwar il-metodoloġija applikata sabiex tiġi determinata d-*data* sottostanti verifikabbli ta' l-ekwivalenti ta' l-għotja grossa.

.....

.....

C) Jekk l-għotja ma tistax tiġi espressa f'ekwivalenti ta' l-għotja grossa, x'inhu l-livell ta' l-avvanz li jitħallas lura espress bħala perċentwali ta' l-ispejjeż eliġibbli:

.....

Fil-każ ta' rati ta' avvanzi li jitħallsu lura mogħtija għall-proġett tar-riċerka u l-iżvilupp huma ogħla mir-rati indikati fit-Taqsimiet 5.1.2 u 5.1.3 (sar-rati massimi indikati fit-Taqsima 5.1.5) tal-Qafas ta' l-R&D&I, jekk jogħġbok:

— innotifika lill-Kummissjoni l-informazzjoni dettaljata dwar il-ħlas lura fil-każ ta' suċċess u ddefinixxi b'mod ċar dak li jkun meqjus bħala suċċess għall-attivitajiet ta' riċerka;

U

— ikkonferma dan li ġej:

☐ il-miżura tistipula li fil-każ ta' suċċess l-avvanz jitħallas lura b'rata ta' l-imgħax li tkun għallinqas ugwali għar-rata applikabbli mill-applikazzjoni ta' l-avviż tal-Kummissjoni dwar il-metodu biex jiġu stabbiliti r-rati ta' referenza u ta' skont ([125]);

☐ fil-każ ta' suċċess li jmur lilhinn mir-riżultat definit bħala suċċess, l-Istat Membru huwa intitolat li jitlob ħlasijiet li jmorru lilhinn minn ħlasijiet ta' l-ammont avvanzat inklużi l-imgħaxijiet skond ir-rata ta' referenza prevista mill-Kummissjoni;

☐ fil-każ ta' suċċess parzjali, l-Istat Membru jitlob li l-ħlas miġbur ikun proporzjonat mal-grad ta' suċċess miksub.

5.1.5 Klawsola ta' ekwivalenza ([126])

A) Il-klawsola ta' allinjament hija użata f'din il-miżura nnotifikata?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, intensitajiet ogħla minn dawk ġeneralment permissibbli jistgħu jiġu awtorizzati.

Jekk iva, agħti dettalji u provi li l-kompetituri li jinsabu barra mill-Komunità rċevew fl-aħħar tliet snin, jew se jirċievu, għajnuna ta' intensità ekwivalenti għal proġetti, programmi, riċerka, żvilupp jew teknoloġija simili:

.....

.....

([121]) Cf. Qafas R&D&I, Taqsima 5.1.5.

([122]) L-ekwivalenti ta' l-għotja grossa ta' avvanz li jitħallas lura jirrifletti l-probabilità li l-avvanz jitħallas lura mill-benefiċjarji.

([123]) L-ekwivalenti ta' l-għotja grossa għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet fuq l-intensitajiet massimi ta' l-għajnuna stabbiliti fit-Taqsima 5.1.2 u 5.1.3 tal-Qafas R&D&I.

([124]) Għad-dettalji ara t-Taqsima 5.1.5 tal-Qafas ta' l-R&D&I (it-tieni paragrafu).

([125]) ĠU C 273, 9.9.1997, p. 3. Ippubblikat ukoll taħt: http://ec.europa.eu/comm/competition/state_aid/legislation/reference.html.

([126]) Cf. Qafas R&D&I, Taqsima 5.1.7.

▼M3

Jeżisti tfixkil attwali jew potenzjali, dirett jew indirett, tal-kummerċ internazzjonali?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, agħti provi:

.....

.....

Agħti wkoll informazzjoni suffiċjenti sabiex tippermetti lill-Kummissjoni tivvaluta s-sitwazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħtieġa li jittieħed f'kunsiderazzjoni l-vantaġġ kompetittiv li jkun igawdi kompetitur minn pajjiż terz:

.....

.....

5.2 *Għajnuna għal studji tekniċi ta' vijabilità* ([127])

5.2.1 Kundizzjonijiet ġenerali

L-istudji huma bi tħejjija għal ([128]):

☐ riċerka industrijali;

☐ żvilupp sperimentali.

5.2.2 Intensitajiet ta' l-għajnuna

Speċifika l-intensità massima ta' l-għajnuna ([129]) (%): .....

L-intensità ta' l-għajnuna hija kkalkulata fuq il-bażi ta' l-ispejjeż ta' l-istudji tal-fattibilità tal-proġett.

5.3 *Għajnuna għall-ispejjeż tal-proprjetà industrijali għall-SME* ([130])

5.3.1 Kundizzjonijiet

Liema stadju tar-riċerka ([131]) huwa kkonċernat?

☐ riċerka fundamentali;

☐ riċerka industrijali;

☐ żvilupp sperimentali.

5.3.2 Spejjeż eliġibbli u intensitajiet ta' l-għajnuna

A) Speċifika l-ispejjeż eliġibbli ([132]) u indika l-ammont tagħhom:

☐ spejjeż li jiġu qabel l-għoti tad-dritt fl-ewwel ġuriżdizzjoni legali: .....

.....

☐ traduzzjoni u spejjeż oħra minfuqa sabiex jinkiseb l-għoti jew il-validazzjoni tad-dritt f'ġuriżdizzjonijiet oħrajn: .....

.....

☐ spejjeż minfuqa fid-difiża tal-validità tad-dritt waqt il-prosekuzzjoni uffiċjali ta' l-applikazzjoni u l-proċedimenti possibbli ta' oppożizzjoni: .....

.....

B) Speċifika l-intensità massima ta' l-għajnuna (%) ([133]): .....

([127]) Cf. Qafas R&D&I, Taqsima 5.2.

([128]) Sabiex tikklassifika l-attivitajiet, tista' tirreferi għall-prattika tal-Kummissjoni jew għal eżempji u spjegazzjonijiet speċifiċi pprovduti fil-Manwal Frascati dwar il-Kejl ta' Attivitajiet Xjentifiċi u Teknoloġiċi, Prattika Normali proposta għall-Istħarriġ dwar l-Iżvilupp tar-Riċerka u l-Iżvilupp Espermentali (Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi, 2002); għad-definizzjonijiet ara t-Taqsima 2.2(e), (f), (g) tal-Qafas R&D&I.

([129]) Għall-SME, l-intensità ta' l-għajnuna ma tistax taqbeż il-75% għall-istudji ta' tħejjija għall-attivitajiet tar-riċerka industrijali u 50% għall-istudji ta' tħejjija għall-attivitajiet esperimentali ta' l-iżvilupp; għall-kumpaniji l-kbar, l-intensità ta' l-għajnuna ma tistax taqbeż il-65% għall-istudji ta' tħejjija għall-attivitajiet tar-riċerka industrijali u 40% għall-istudji ta' tħejjija għall-attivitajiet esperimentali ta' l-iżvilupp.

([130]) Cf. Qafas R&D&I, Taqsima 5.3.

([131]) Għad-definizzjonijiet ara t-Taqsima 2.2(e), (f), (g) tal-Qafas R&D&I.

([132]) Għad-dettalji ara t-Taqsima 5.3 (it-tieni paragrafu) tal-Qafas R&D&I.

([133]) Livelli massimi ta' għajnuna jikkorrispondu ma' l-istess livelli ta' għajnuna li kienu jikkwalifikaw bħala għajnuna għall-R&D fir-rigward ta' l-attivitajiet ta' riċerka li oriġinarjament wasslu għad-drittijiet ta' proprjetà industrijali kkonċernati.

▼M3

5.4 *Għajnuna għall-impriżi ġodda u innovattivi* ([134]) **(għall-impriżi ż-żgħar)**

Jekk jogħġbok ikkonferma li:

A) ☐ il-benefiċjarju huwa impriża żgħira kif definita mil-leġiżlazzjoni tal-Komunità ([135]), u li ilha teżisti għal anqas minn 6 snin fiż-żmien meta tingħata l-għajnuna;

Jekk jogħġbok ipprovdi dettalji u provi:

.....

.....

B) ☐ il-benefiċjarju huwa impriża innovattiva.

Jekk jogħġbok ikkonferma li l-konformità ma' din il-kundizzjoni hija assigurata permezz

☐ evalwazzjoni mwettqa minn espert estern li juri li l-benefiċjarju fil-futur prevedibbli jkun se jiżviluppa prodotti, servizzi jew proċessi li huma teknoloġikament ġodda jew sostanzjalment aħjar meta mqabbla ma' l-aħħar teknoloġija fl-industrija tiegħu fil-Komunità, u li jġorru magħhom riskju ta' falliment teknoloġiku jew industrijali;

JEW

☐ il-provi li l-ispejjeż tar-riċerka u l-iżvilupp tal-benefiċjarju jirrappreżentaw mill-anqas 15 % ta' l-ispejjeż operattivi kollha tiegħu f'għall-anqas waħda mit-tliet snin ta' qabel l-għoti ta' l-għajnuna jew fil-każ ta' kumpanija ġdida mingħajr storja finanzjarja, fil-verifika tal-perjodu fiskali kurrenti, kif iċċertifikat minn awditur estern.

Jekk jogħġbok ipprovdi dettalji dwar kif dan huwa implimentat:

.....

.....

C) Speċifika l-ammont massimu ta' għajnuna applikabbli taħt il-miżura nnotifikata ([136]): .....

D) Jekk jogħġbok ikkonferma li:

☐ il-benefiċjarju ma rċeviex għajnuna għal impriżi ġodda u innovattivi qabel u se jirċievi dan it-tip ta' għajnuna darba biss matul il-perjodu li fih jikkwalifika bħala impriża ġdida u innovattiva.

E) L-impriża tibbenefika minn akkumulazzjoni ta' għajnuna?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok indika kif se tintlaħaq konformità mar-regoli speċifiċi ta' l-akkumulazzjoni għall-għajnuna għall-impriżi ġodda u innovattivi (Taqsima 5.4 tal-Qafas R&D&I):

.....

.....

5.5 *Għajnuna għall-innovazzjoni fil-proċessi u fl-organizzazzjoni fis-servizzi* ([137])

5.5.1 Kundizzjonijiet ġenerali

A) Għal liema tipi ta' innovazzjoni fl-attivitajiet ([138]) tas-servizzi tirreferi l-miżura nnotifikata?

☐ innovazzjoni tal-proċess fl-attivitajiet tas-servizzi;

☐ innovazzjoni fl-organizzazzjoni fl-attivitajiet tas-servizzi.

Jekk jogħġbok agħti deskrizzjoni dettaljata ta' l-innovazzjoni fl-attivitajiet tas-servizzi ([139]) (fil-proċess u/jew fl-organizzazzjoni):

.....

.....

([134]) Cf. Qafas R&D&I, Taqsima 5.4.

([135]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 20.

([136]) L-għajnuna ma tistax taqbeż l-EUR 1 miljun f'oqsma mhux magħjuna; EUR 1.5 miljun f'reġjuni eliġibbli għal deroga fl-Artikolu 87 (3) (a) tat-Trattat tal-KE; EUR 1,25 miljun f'reġjuni eliġibbli għal deroga fl-Artikolu 87 (3) (c) tat-Trattat tal-KE.

([137]) Cf. Qafas R&D&I, Taqsima 5.5.

([138]) Għad-definizzjonijiet ara t-Taqsima 2.2(i), (j) tal-Qafas R&D&I.

([139]) Sabiex jiġu kklassifikati l-attivitajiet, tista' tirreferi għall-prattika tal-Kummissjoni jew għad-definizzjonijiet speċifiċi pprovduti fil-Manwal ta' OSLO, Linji Gwida għall-Ġbir u l-Interpretazzjoni tad-Data dwar l-Innovazzjoni (Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp, 2005).

▼M3

B) Jekk jogħġbok ikkonferma li:

☐ l-innovazzjoni fl-organizzazzjoni hija relatata ma' l-użu u l-isfruttament ta' Teknoloġiji ta' l-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT) sabiex tinbidel l-organizzazzjoni;

☐ l-innovazzjoni hija fformulata bħala proġett bi *project manager* identifikat u kwalifikat, filwaqt li l-ispejjeż tal-proġett huma identifikati;

☐ ir-riżultat tal-proġett megħjun huwa l-iżvilupp ta' standard, u ta' mudell tan-negozju, metodoloġija ta' kunċett, li tista' tiġi riprodotta sistematikament, possibilment iċċertifikata, u possibilment tingħata privattiva;

☐ l-innovazzjoni fil-proċess jew fl-organizzazzjoni hija ġdida jew imtejba sostanzjalment meta mqabbla ma' l-aħħar teknoloġija fl-industrija tagħha fil-Komunità;

☐ il-proġett għall-innovazzjoni fil-proċess jew l-organizzazzjoni jinvolvi grad ċar ta' riskju;

☐ l-għajnuna hija mogħtija lil impriża kbira biss jekk tikkollabora ma' SME fl-attività li tingħata l-għajnuna u l-SME li tkun qed tikkollabora magħha ġġorr mill-anqas 30 % ta' l-ispejjeż totali eliġibbli.

Jekk jogħġbok ipprovdi dettalji/provi għal dawn l-elementi kollha:

.....

.....

5.5.2 Spejjeż eliġibbli u intensitajiet ta' l-għajnuna

A) Speċifika l-ispejjeż eliġibbli ([140]) u indika l-ammont tagħhom:

	Spejjeż Eliġibbli
spejjeż ta' l-istaff	
spejjeż ta' l-istrumenti u l-apparat	
spejjeż tal-bini u l-art	
spejjeż tar-riċerka kuntrattwali, għarfien tekniku u brevetti mixtrija jew liċenzjati minn sorsi esterni bil-prezzijiet tas-suq	
spejjeż addizzjonali li ntefqu direttament bħala riżultat tal-proġett ta' riċerka	
spejjeż operattivi oħra	

B) Speċifika l-intensità massima ta' l-għajnuna ([141]) (%): .....

L-intensità ta' l-għajnuna hija kkalkulata fuq il-bażi ta' l-ispejjeż eliġibbli tal-proġett.

5.6 *Għajnuna għas-servizzi tal-konsulenza għall-innovazzjoni u għas-servizzi ta' l-appoġġ għall-innovazzjoni* ([142]) *(għall-SME)*

5.6.1 Kundizzjonijiet ġenerali

A) Speċifika l-ammont massimu ta' għajnuna (li ma taqbiżx EUR 200 000 għal kull benefiċjarju f'kull perjodu ta' tliet snin): .....

B) Jekk jogħġbok ikkonferma li:

☐ jekk il-fornitur tas-servizz ma jibbenefikax minn ċertifikazzjoni nazzjonali jew Ewropea l-għajnuna ma tkoprix aktar minn 75 % ta' l-ispejjeż eliġibbli;

☐ il-benefiċjarji jużaw l-għajnuna mill-Istat sabiex jixtru s-servizzi bil-prezz tas-suq (jew jekk il-fornitur tas-servizz huwa entità non-profit, bi prezz li jirrifletti l-ispejjeż kollha tiegħu flimkien ma' marġini raġonevoli).

Jekk jogħġbok ipprovdi dettalji dwar kif dan huwa assigurat:

.....

.....

([140]) Għad-dettalji ara t-Taqsima 5.1.4 tal-Qafas R&D&I. Jekk jogħġbok innota li fil-każ ta' l-innovazzjoni fl-organizzazzjoni, l-ispejjeż ta' l-istrumenti u l-apparat ikopru biss l-ispejjeż ta' l-istrumenti u l-apparat ta' l-ICT.

([141]) L-intensità massima ta' l-għajnuna hija ta' 15 % ta' l-ispejjeż eliġibbli għal impriża kbira; 25 % ta' l-ispejjeż eliġibbli għal impriża ta' daqs medju; 35 % ta' l-ispejjeż eliġibbli għal impriża żgħira.

([142]) Cf. Qafas R&D&I, Taqsima 5.6.

▼M3

5.6.2 Spejjeż eliġibbli

A) Liema tip ta' għajnuna hija mogħtija?

☐ għajnuna għal servizzi ta' konsulenza għall-innovazzjoni;

☐ għajnuna għal servizzi ta' appoġġ għall-innovazzjoni.

B) Jekk l-għajnuna hija għal servizzi ta' konsulenza għall-innovazzjoni, speċifika l-ispejjeż eliġibbli u indika l-ammont tagħhom:

☐ konsulenza fil-maniġment: .....

☐ għajnuna teknika: .....

☐ servizzi ta' trasferiment ta' teknoloġija: .....

☐ taħriġ: .....

☐ konsulenza għal akkwist, ħarsien u kummerċ fi Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali u għal ftehim ta' liċenzjar: .....

☐ konsulenza dwar l-użu ta' standards: .....

C) Jekk hija għajnuna għal servizzi ta' appoġġ għall-innovazzjoni, speċifika l-ispejjeż eliġibbli u indika l-ammont tagħhom:

☐ spazju ta' l-uffiċini: .....

☐ banek ta' *data*: .....

☐ servizzi ta' libreriji tekniċi: .....

☐ riċerka tas-suq: .....

☐ użu ta' laboratorju: .....

☐ tikkettar tal-kwalità: .....

☐ ittestjar u ċertifikazzjoni: .....

5.6.3 Kundizzjonijiet speċjali għal entità mhux għal skop ta' lukru

Jekk il-fornitur tas-servizz huwa entità mhux għal skop ta' lukru, l-għajnuna tista' tingħata bħala tnaqqis fil-prezz, bħala d-differenza bejn il-prezz imħallas u l-prezz tas-suq (jew prezz li jirrifletti l-ispejjeż kollha flimkien ma' marġini raġonevoli).

L-għajnuna hija mogħtija bħala tnaqqis fil-prezz?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, agħti provi ta' l-eżistenza ta' sistema li tiżgura t-trasparenza dwar l-ispejjeż kollha tas-servizzi tal-konsulenza għall-innovazzjoni u ta' l-appoġġ għall-innovazzjoni pprovduti, u kif ukoll il-prezz imħallas mill-benefiċjarji, sabiex l-għajnuna rċevuta tista' tiġi mkejla u sorveljata.

.....

.....

5.7 *Għajnuna għas-self ta' persunal bi kwalifiki għolja* ([143]) *(għall-SME)*

5.7.1 Kundizzjonijiet ġenerali

A) Minn fejn jinġieb il-persunal kwalifikat ħafna ([144])?

☐ organizzazzjonijiet tar-riċerka;

☐ impriżi kbar.

Agħti dettalji (jekk ikun possibbli) dwar organizzazzjonijiet tar-riċerka u dwar impriżi kbar.

.....

.....

([143]) Cf. Qafas R&D&I, Taqsima 5.7.

([144]) Għad-definizzjoni ara t-Taqsima 2.2. (k) tal-Qafas R&D&I.

▼M3

B) Jekk jogħġbok ikkonferma li:

☐ il-persunal issekondat mhux qed jieħu post persunal ieħor;

☐ il-persunal issekondat huwa impjegat f'funzjoni maħluqa ġdida fi ħdan l-impriża li tkun qed tibbenefika;

Jekk jogħġbok speċifika x'inhi din il-funzjoni maħluqa ġdida:

.....

.....

☐ il-persunal issekondat ilu impjegat għal mill-anqas sentejn ma' l-organizzazzjonijiet tar-riċerka jew impriżi kbar li qed jibgħatu l-persunal fuq *secondment*;

☐ li l-persunal issekondat jaħdem f'attivitajiet ta' l-R&D&I fl-SME li qed tirċievi l-għajnuna.

5.7.2 Spejjeż eliġibbli u intensitajiet ta' l-għajnuna

A) Speċifika l-ispejjeż eliġibbli u indika l-ammont tagħhom:

☐ spejjeż għat-teħid b'self u l-impjieg ta' persunal kwalifikat ħafna: .....

☐ *allowance* għall-mobilità għall-persunal issekondat: .....

B) ☐ Jekk jogħġbok ikkonferma l-ispejjeż tal-konsulenza (ħlas għas-servizz mogħti mill-espert mingħajr ma jiġi impjegat espert ma' l-impriża) huma esklużi mill-ispejjeż eliġibbli taħ l-għajnuna għal self ta' persunal kwalifikat ħafna.

C) Speċifika l-intensità massima ta' l-għajnuna ([145]) (%): …

5.8 *Għajnuna għar-ragruppamenti ta' innovazzjoni* ([146])

5.8.1 Kundizzjonijiet ġenerali

A) Liema tip ta' għajnuna hija mogħtija lill-benefiċjarju?

☐ għajnuna għall-investiment;

☐ għajnuna operattiva għall-animazzjoni tar-ragruppamenti.

B) Jekk jogħġbok ikkonferma li:

☐ l-għajnuna hija mogħtija esklussivament lill-entità legali li tkun qed topera r-ragruppament ta' l-innovazzjoni;

☐ il-benefiċjarju huwa responsabbli għall-ġestjoni tal-parteċipazzjoni u l-aċċess għall-bini, il-faċilitajiet u l-attivitajiet tar-ragruppament;

Jekk jogħġbok agħti d-dettalji:

.....

.....

☐ l-aċċess għall-bini, il-faċilitajiet u l-attivitajiet tar-ragruppamenti mhux ristrett.

C) Il-ħlas li jinżamm għall-użu tal-faċilitajiet tar-ragruppamenti u għall-parteċipazzjoni fl-attivitajiet tagħhom jirrifletti kemm dan ikun fil-fatt jiswa.

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok uri kif din hija assigurata:

.....

.....

Jekk le, jekk jogħġbok agħti dettalji (partikolarment fir-rigward ta' l-eżistenza ta' l-għajnuna skond it-tifsira ta' l-Artikolu 87 (1) tat-Trattat tal-KE, ara t-Taqsima 3.1 tal-Qafas R&D&I):

.....

.....

D) Jekk jogħġbok ehmeż analiżi ta' l-ispeċjalizzazzjoni teknoloġika tar-ragruppament ta' l-innovazzjoni, il-potenzjal reġjonali eżistenti, il-kapaċità tar-riċerka eżistenti, il-preżenza ta' ragruppamenti fil-Komunità b'għanijiet u volumi potenzjali tas-suq simili ta' l-attivitajiet tar-ragruppament:

.....

.....

([145]) L-intensità massima ta' l-għajnuna hija ta' 50 % għall-ispejjeż eliġibbli, għal massimu ta' 3 snin għal kull impriża u kull persuna missellfa.

([146]) Cf. Qafas R&D&I, Taqsima 5.8.

▼M3

5.8.2 Kundizzjonijiet speċifiċi dwar l-għajnuna għall-investiment għall-animazzjoni tar-ragruppamenti

A) X'tip ta' investiment qed isir?

☐ twaqqif ta' ragruppamenti ta' innovazzjoni;

☐ tkabbir ta' ragruppamenti ta' innovazzjoni;

☐ animazzjoni ta' ragruppamenti ta' innovazzjoni.

B) Għal liema faċilitajiet hija mogħtija l-għajnuna?

☐ faċilitajiet għat-taħriġ u ċentru għar-riċerka;

☐ infrastrutturi tar-riċerka b'aċċess miftuħ, laboratorju, faċilità ta' l-ittestjar;

☐ Infrastrutturi tan-netwerk tal-broadband.

C) Speċifika l-ispejjeż eliġibbli u indika l-ammont tagħhom:

☐ spejjeż relatati ma' l-investiment fl-art: .....

☐ bini: .....

☐ makkinarju: .....

☐ tagħmir: .....

D) X'inhi l-intensità massima ta' l-għajnuna (%) ([147]): .....

E) Jingħata xi bonus lill-benefiċjarju?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika hawn taħt:

— Tapplika bonus ta' l-SME?

☐ iva ☐ le

Speċifika l-livell tal-bonus ([148]): .....

— Tapplika bonus għall-impriżi li jinsabu fir-reġjuni l-aktar imbiegħda?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika l-livell tal-bonus applikabbli għal impriża li tinsab fir-reġjuni l-aktar imbiegħda ([149]): .....

5.8.3 Kundizzjonijiet speċifiċi dwar l-għajnuna operattiva għall-animazzjoni tar-ragruppamenti

A) Għal liema tul taż-żmien hija mogħtija l-għajnuna: ..... sena

Jekk l-għajnuna hija mogħtija għal perjodu ta' aktar minn 5 snin, jekk jogħġbok ipprovdi provi konvinċenti sabiex tiġġustifika dan il-perjodu itwal ([150]).

.....

.....

B) L-għajnuna tonqos gradwalment?

☐ iva ☐ le

C) Speċifika l-ispejjeż eliġibbli u indika l-ammont tagħhom:

☐ il-preżentazzjoni tar-ragruppament fuq is-suq sabiex jiġu reklutati kumpaniji ġodda sabiex jieħdu sehem fir-ragruppament: .....

☐ ġestjoni tal-faċilitajiet ta' l-aċċess miftuħ tar-ragruppament: .....

☐ Organizzazzjoni ta' programmi ta' taħriġ, *workshops* u konferenzi sabiex jappoġġjaw il-qsim ta' l-għarfien u n-*networking* bejn il-membri tar-ragruppament: .....

([147]) L-intensità massima ta' l-għajnuna hija ta' 15 % ta' l-ispejjeż eliġibbli; għal reġjuni li jaqgħu taħt l-Artikolu 87 (3) (A) tat-Trattat tal-KE l-intensità massima ta' l-għajnuna hija din li ġejja: 30 % ta' l-ispejjeż eliġibbli għar-reġjuni b'anqas minn 75 % tal-PGD per capita medju ta' l-UE-25, reġjuni mbiegħda b'PGD per capita ogħla u reġjuni ta' l-effett statistiku (sa l-1 ta' Jannar 2011); 40 % għal reġjuni b'anqas minn 60 % tal-PGD per capita ta' l-UE-25 (%); 50 % għal reġjuni b'anqas minn 45 % tal-PGD per capita ta' l-UE-25; Għal reġjuni ta' l-effett statistiku li jaqgħu taħt l-Artikolu 87 (3) (c) tat-Trattat tal-KE mill-1 ta' Jannar 2011 l-intensità massima ta' l-għajnuna hija ta' 20 % għall-ispejjeż eliġibbli.

([148]) L-intensità ta' l-għajnuna tista' tiżdied b'massimu ta' 20 punt perċentwali għal impriżi żgħar u b'massimu ta' 10 punti perċentwali għal impriżi ta' daqs medju.

([149]) L-intenstità ta' l-għajnuna tista' tiġi miżjuda b'massimu ta' 20 punt perċentwali. L-intensità ta' l-għajnuna tista' tiġi miżjuda b'massimu ta' 20 punt perċentwali għar-reġjuni l-aktar imbiegħda fejn il-PGD *per capita* jaqa' taġt il-75 % tal-medja ta' l-UE-25 u b'massimu ta' 10 punti perċentwali għar-reġjuni l-aktar imbiegħda l-oħrajn.

([150]) Fi kwalunkwe każ, il-perjodu ma jista' qatt jaqbeż l-10 snin.

▼M3

D) L-intensità ta' l-għajnuna:

— għajnuna li tonqos gradwalment (jekk jogħġbok speċifika rati ta' tnaqqis għal kull sena) ([151]):

— għajnuna li ma tonqosx gradwalment (%) ([152]): .....

6. **Effett ta' inċentiva u neċessità ta' l-għajnuna** ([153])

6.1 *Kundizzjoni ġenerali*

A) L-attività ta' l-R&D&I kienet diġà bdiet qabel l-applikazzjoni għall-għajnuna mill-benefiċjarju għand l-awtoritajiet nazzjonali ([154])?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna ma tippreżentax inċentiva għall-benefiċjarju.

B) Jekk le, speċifika d-dati relevanti:

— l-attività ta' l-R&D&I bdiet fil-: .....

— l-applikazzjoni għall-għajnuna mill-benefiċjarju ġiet sottomessa lill-awtoritajiet nazzjonali fil-:

Jekk jogħġbok ipprovdi dokumenti ta' ta' prova relevanti.

6.2 *Evalwazzjoni ta' l-effett ta' inċentiva*

Jekk l-għajnuna tingħata għal:

— proċess ta' innovazzjoni organizzativa fis-servizzi;

— ragruppamenti ta' innovazzjoni;

— proġetti tar-riċerka u l-iżvilupp għal impriżi kbar;

— studji ta' fattibilità għal impriżi kbar;

— proġett tar-riċerka u l-iżvilupp għall-SME għal għajnuna li taqbeż l-EUR 7.5 miljuni;

— studji tal-fattibilità għall-SME għal għajnuna li taqbeż l-EUR 7.5 miljuni;

il-Kummissjoni se titlob li l-effett ta' inċentiva jintwera permezz ta' mezzi ta' evalwazzjoni. Għaddi għall-mistoqsijiet li jmiss.

Altrimenti, il-Kummissjoni tqis li l-effett ta' inċentiva huwa awtomatikament issodisfat għall-miżura kkonċernata.

6.2.1 Kundizzjonijiet ġenerali

Jekk ikun neċessarju li jintwera li jkun hemm effett ta' inċentiva għal diversi benefiċjarji li jipparteċipaw fil-proġett nnotifikat, jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni ta' hawn taħt għal kull wieħed minnhom.

Sabiex jiġi vverifikat li l-għajnuna ppjanata tinċentiva lil dawk li jirċevuha sabiex tibdel l-aġir tagħha sabiex iżżid il-livell ta' R&D&I tagħha, il-Kummissjoni titlob evalwazzjoni għall-kategoriji ta' riċerka li fihom tikkunsidra li l-effett ta' inċentiva mhux *awtomatikament sodisfatt (elenkat fit-Taqsima 4.2 ta' din il-formola ta' notifika).*

Jekk jogħġbok imla l-evalwazzjoni ta' l-attività akbar ta' l-R&D&I (hawn taħt), fuq il-bażi ta' analiżi li jqabblu s-sitwazzjoni mingħajr għajnuna ma' sitwazzjoni fejn tingħata l-għajnuna.

6.2.2 Kriterji

A) Se jitkabbar id-daqs tal-proġett?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika t-tip ta' żieda

☐ żieda fl-ispejjeż totali tal-proġett (mingħajr infiq anqas mill-benefiċjarju meta mqabbel mas-sitwazzjoni mingħajr għajnuna);

☐ żieda fin-numru ta' nies assenjati għall-attivitajiet ta' l-R&D&I;

☐ tipi oħra ta' żieda: .....

Agħti provi ta' żidiet relevanti:

.....

.....

([151]) L-intensità tagħha tista' tasal sa 100 % għall-ispejjeż eliġibbli għall-ewwel sena iżda trid tkun naqset b'mod lineari sa żero sa l-aħħar tal-ħames sena.

([152]) L-intensità massima ta' l-għajnuna hija ta' 50 % ta' l-ispejjeż eliġibbli.

([153]) Cf. Qafas R&D&I, Kapitolu 6.

([154]) Jekk il-proposta ta' għajnuna hija li tingħata għajnuna għal proġett ta' l-R&D&I, dan ma jeskludix li l-benefiċjarju potenzjali diġà jkun wettaq studji tal-fattibilità li ma jkunux koperti mit-talba għall-għajnuna mill-Istat.

▼M3

B) Se titkabbar il-firxa tal-proġett?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika t-tip ta' żieda:

☐ żieda fin-numru tar-riżultati mistennija mill-proġett;

☐ proġett aktar ambizzjuż muri minn possibilità akbar ta' suċċess xjentifiku jew teknoloġiku jew riskju ogħla ta' falliment;

☐ tipi oħra ta' żieda: .....

Agħti provi ta' żidiet relevanti:

.....

.....

C) Il-proġett se jsir aktar malajr?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, ipprovdi provi li l-proġett se jitlesta fi żmien aqsar bl-għajnuna milli mingħajrha:

.....

.....

D) L-ammont totali minfuq fuq l-R&D&I se jiżdied?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika t-tip ta' żieda:

☐ żieda fin-nefqa totali ta' l-R&D&I mill-benefiċjarju ta' l-għajnuna;

☐ bidliet fil-baġit kommess għall-proġett (mingħajr tnaqqis li jikkorrispondi miegħu fil-baġits ta' proġetti oħra);

☐ żieda fin-nefqa ta' l-R&D&I mill-benefiċjarju ta' l-għajnuna bħala proporzjon tat-*turnover* totali;

☐ tipi oħra ta' żieda:

.....

.....

Agħti provi taż-żidiet relevanti:

.....

.....

E) L-Istat Membru jista' wkoll juri l-preżenza ta' effett ta' inċentiva permezz ta' kriterji kwantitattivi relevanti u/jew kwalitattivi. Jekk jogħġbok ipprovdi dettalji u provi:

.....

.....

.....

.....

7. **Riterji li jwasslu għal valutazzjoni dettaljata** ([155])

Jekk l-għajnuna tirrigwarda proġett ta' l-R&D&I jew studju ta' fattibilità, jekk jogħġbok imla t-Taqsima 7.1 aktar 'l isfel. Jekk l-għajnuna tingħata għall-innovazzjoni tal-proċess jew dik organizzattiva fl-attivitajiet ta' servizzi jew għal ragruppamenti ta' innovazzjoni, jekk jogħġbok mur fit-Taqsima 7.2 tad-dokument ta' informazzjoni supplementari. Minbarra dan, mhi meħtieġa l-ebda valutazzjoni dettaljata.

7.1 *Proġetti u studji ta' fattibilità*

A) Spejjeż eliġibbli li jikkorrispondu mar-riċerka fundamentali jirrappreżentaw … % ta' l-ispejjeż totali eliġibbli (**proporzjon I.**).

Jekk il-**proporzjon I.**ikun akbar minn 50 %, waħda mill-impriżi tirċievi ammont ta' għajnuna li jaqbeż l-EUR 20 miljun ([156]) għal kull proġett/studju ta' fattibilità?

☐ iva ☐ le

([155]) Cf. Qafas R&D&I, Taqsima 7.1.

([156]) Jekk applikabbli, jekk jogħġbok ipprovdi r-rata tal-kambju li għandha tiġi użata meta tingħata t-tweġiba għal din il-mistoqsija.

▼M3

B) Spejjeż eliġibbli li jikkorrispondu mar-riċerka industrijali u l-istudji tal-fattibilità ta' tħejjija għar-riċerka industrijali jirrappreżentaw … % ta' l-ispejjeż totali eliġibbli (**proporzjon II**.).

Jekk il-**proporzjon I.+ II**.ikun akbar minn 50 %, waħda mill-impriżi tirċievi ammont ta' għajnuna li jaqbeż l-EUR 10 miljun għal kull proġett/studju ta' fattibilità?

☐ iva ☐ le

C) Jekk il-**proporzjon I.+ II**.ikun anqas minn 50 %, waħda mill-impriżi tirċievi ammont ta' għajnuna li jaqbeż l-EUR 7.5 miljun għal kull proġett/studju ta' fattibilità?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba għal waħda minn dawn it-tliet mistoqsijiet hija iva, allura l-għajnuna nnotifikata hija suġġetta għal valutazzjoni dettaljata u informazzjoni addizzjonali għandha tingħata sabiex il-Kummissjoni tkun tista' twettaq valutazzjoni dettaljata (Taqsima 8 ta' dan id-dokument ta' informazzjoni supplementari).

7.2 *Innovazzjoni fil-proċess jew fl-organizzazzjoni f'attivitajiet ta' servizzi jew ragruppamenti ta' innovazzjoni*

Jekk l-għajnuna hija mogħtija għal innovazzjoni fil-proċess jew fl-organizzazzjoni f'attivitajiet ta' servizzi, hemm xi impriża waħda li tirċievi ammont ta' għajnuna li jaqbeż l-EUR 5 miljuni għal kull proġett?

☐ iva ☐ le

Jekk l-għajnuna tingħata għal ragruppamenti ta' innovazzoni, ir-ragruppament (entità legali li tkun qed topera fir-ragruppament ta' innovazzjoni) tirċievi ammont ta' għajnuna li jaqbeż l-EUR 5 miljun.

☐ iva ☐ le

Jekk iva, allura l-għajnuna nnotifikata hija suġġetta għal valutazzjoni dettaljata u informazzjoni addizzjonali għandha tingħata sabiex il-Kummissjoni tkun tista' twettaq valutazzjoni dettaljata (Taqsima 8 ta' dan id-dokument ta' informazzjoni supplementari).

Jekk jogħġbok innota li l-Kummissjoni se twettaq valutazzjoni dettaljata wkoll fil-każijiet kollha nnotifikati lill-Kummissjoni minħabba l-obbligu li jiġu nnotifikati individwalment kif stipulat fir-regolament ta' l-eżenzjoni

8. **Nformazzjoni addizzjonali għal valutazzjoni dettaljata** ([157])

Jekk hemm diversi benefiċjarji involuti fil-proġett nnotifikat li hu suġġett għal valutazzjoni dettaljata, jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni ta' hawn taħt għal kull wieħed minnhom. Dan huwa bla ħsara għad-deskrizzjoni sħiħa tal-proġett nnotifikat, inklużi l-partečipanti kollha, fit-taqsimiet preċedenti ta' dan id-dokument ta' informazzjoni supplementari.

8.1 *Osservazzjonijiet ġenerali*

L-iskop ta' din il-valutazzjoni dettaljata hija sabiex jiġi żgurat li ammonti kbar ta' għajnuna għall- R&D&I ma jxekklux il-kompetizzjoni tant li jmorru kontra l-interess komuni, iżda fil-fatt jikkontribwixxu għall-interess komuni. Dan iseħħ meta l-benefiċċji ta' l-għajnuna mill-Istat f'termini ta' R&D&I adizzjonali jkunu akbar mill-ħsara għall-kompetizzjoni u l-kummerċ.

Id-dispożizzjonijiet ta' hawn taħt jirrappreżentaw gwida għal liema tipi ta' informazzjoni l-Kummissjoni tista' titlob sabiex twettaq stima dettaljata. Il-gwida hija maħsuba sabiex id-deċiżjonijiet u r-raġunament tal-Kummissjoni jkunu trasparenti u prevedibbli sabiex tinħoloq prevedibilità u ċertezza legali.

A) L-Istati Membri b'mod partikolari huma mistiedna sabiex joqogħdu fuq is-sorsi ta' informazzjoni mniżżla aktar 'l isfel. Jekk jogħġbok indika jekk dawn id-dokumenti ta' prova huma mehmuża man-notifika.

☐ valutazzjonijiet ta' skemi jew miżuri preċedenti ta' għajnuna mill-Istat;

☐ stimi ta' l-impatt magħmula mill-awtorità li tagħmel l-għotja;

☐ valutazzjonijiet tar-riskju;

☐ rapporti finanzjarji;

☐ pjanijiet interni tan-negozju;

☐ opinjonijiet ta' esperti;

☐ Studji oħra relatati ma' l-R&D&I.

([157]) Cf. Qafas R&D&I, Kapitolu 7.

▼M3

B) Bl-istess mod, jekk jogħġbok indika l-effetti pożittivi relevanti tal-miżura nnotifikata u pprovdi d-dokumenti ta' prova:

☐ — żieda netta fl-R&D&I magħmula mill-impriża;

☐ — kontribuzzjoni tal-miżura għat-titjib globali fis-settur ikkonċernat fir-rigward tal-livell ta' R&D&I;

☐ — kontribuzzjoni tal-miżura għat-titjib tas-sitwazzjoni tal-Komunità fir-rigward ta' l-R&D&I fil-kuntest internazzjonali;

☐ — oħrajn: .....

Għal kull waħda *mit-taqsimiet ta' hawn taħt jekk jogħġbok ipprovdi d-dokumenti li huma relevanti għall-miżura nnotifikata. L-Istati Membri huma mistiedna sabiex jipprovdu kull element ieħor li jikkunsidraw utli għall-valutazzjoni tal-miżura nnotifikata.*

8.2 *Eżistenza ta' falliment tas-suq* ([158])

A) Jekk jogħġbok identifika l-falliment(i) tas-suq li qed ixekklu l-R&D&I fil-każ preżenti u li jiġġustifika(w) il-ħtieġa għall-għajnuna mill-Istat u pprovdi d-dokumenti ta' prova:

☐ tixrid ta' l-għarfien (esternalitajiet pożittivi/ġid pubbliku);

☐ tagħrif imperfett jew asimettriku;

☐ fallimenti ta' koordinament.

B) Jekk l-għajnuna mill-Istat tkun immirata għal proġetti jew attivitajiet ta' l-R&D&I li jkunu jinsabu fiż-żoni assistiti, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar:

☐ l-iżvantaġġi kkawżati mill-periferalità u l-ispeċifiċitajiet reġjonali l-oħra;

☐ Data ekonomika lokali speċifika, raġunijiet soċjali u/jew storiċi għal livell baxx ta' attività ta' l-R&D&I meta mqabbla mad-*data* medja relevanti u/jew is-sitwazzjoni fuq il-livell nazzjonali u/jew tal-Komunità kif xieraq;

☐ indikatur relevanti ieħor li juri grad akbar ta' falliment tas-suq.

8.3 *Strument xieraq* ([159])

Jekk jogħġbok indika fuq liema bażi l-Istat Membru ddeċieda li juża strument selettiv bħall-għajnuna mill-Istat sabiex ikabbar l-attivitajiet ta' l-R&D&I u pprovdi dokumenti ta' prova:

☐ stima ta' l-impatt tal-miżura proposta;

☐ tqabbil ma' għażliet oħra tal-politika meqjusa mill-Istat Membru;

☐ oħrajn: .....

8.4 *Effett ta' inċentiva u analiżi ta' l-għajnuna* ([160])

A) Jekk jogħġbok speċifika l-bidla intenzjonata fl-aġir tal-benefiċjarju kkawżata mill-għajnuna (pereżempju jingħata bidu għal proġett ġdid jew jitkabbru d-daqs, il-firxa jew l-għaġġla ta' proġett) u pprovdi dokumenti ta' prova.

.....

.....

— Minbarra dan, jekk jogħġbok agħti deskrizzjoni permezz ta' analiżi kontrafattwali ta' l-aġir tal-benefiċjarju fir-rigward tal-proġett jekk ma jkunx irċieva l-għajnuna.

.....

.....

— Jekk jogħġbok iddeskrivi għaliex l-għajnuna hija meħtieġa sabiex il-proġett taħt valutazzjoni jsir aktar attraenti mill-proġett deskritt permezz ta' l-analiżi kontrafattwali, jiġifieri l-proġett li kieku jitwettaq mingħajr l-għajnuna.

.....

.....

([158]) Cf. Qafas R&D&I, Taqsima 7.3.1.
([159]) Cf. Qafas R&D&I, Taqsima 7.3.2.
([160]) Cf. Qafas R&D&I, Taqsima 7.3.3.

▼M3

B) L-elementi li ġejjin jistgħu jintużaw sabiex jintwera l-effett ta' inċentiva. Jekk jogħġbok speċifika dawk relevanti għall-miżura nnotifikata u pprovdi d-dokumenti ta' prova.

☐ il-livell ta' profitabilità;

☐ l-ammont ta' investiment u ż-żmien ta' meta jsiru l-flussi tal-flus;

☐ il-livell tar-riskju involut fil-proġett ta' riċerka ([161]);

☐ valutazzjoni kontinwa.

8.5 *Proporzjonalità ta' l-għajnuna* ([162])

A) Jekk kien hemm aktar minn kandidat (potenzjali) wieħed sabiex jieħu l-proġett ta' l-R&D&I fl-Istat Membru, il-benefiċjarju ntagħżel fi proċess ta' għażla miftuħ?

☐ iva ☐ le

Jekk jogħġbok ipprovdi dettalji u dokumenti ta' prova:

.....

.....

B) Jekk jogħġbok spjega kif jiġi żgurat li l-għajnuna hija limitata għall-minimu neċessarju u pprovdi dokumenti ta' prova:

.....

.....

8.6 *Analiżi tat-tfixkil tal-kompetizzjoni u l-kummerċ* ([163])

8.6.1 Swieq relevanti u effetti fuq il-kummerċ

A) Jekk relevanti, jekk jogħġbok iddeskrivi l-impatt probabbli ta' l-għajnuna fuq il-kompetizzjoni fil-proċess ta' l-innovazzjoni ([164]):

.....

.....

B) Jekk jogħġbok indika jekk hux probabbli li l-għajnuna jkollha impatt fuq is-suq ta' xi prodott.

☐ iva ☐ le

Jekk jogħġbok speċifika s-swieq tal-prodotti li fuqhom huwa probabbli li l-għajnuna jkollha impatt:

.....

.....

.....

.....

C) Għal kull wieħed minn dawn is-swieq jekk jogħġbok ipprovdi xi sehem tas-suq indikattiv tal-benefiċjarju:

.....

.....

Għal kull wieħed minn dawn is-swieq jekk jogħġbok ipprovdi xi sehem tas-suq indikattiv tal-kumpaniji l-oħra preżenti fis-suq: Jekk possibbli, jekk jogħġbok ipprovdi l-Indiċi Herfindahl-Hirschman (HHI) assoċjat):

.....

.....

D) Jekk jogħġbok iddeskrivi l-istruttura u d-dinamika tas-swieq relevanti u pprovdi dokumenti ta' prova:

.....

.....

([161]) Jekk jogħġbok innota f'dan il-kuntest li għall-għajnuna mill-Istat immirata għal proġetti jew attivitajiet ta' l-R&D&I fiż-żoni megħjuna, il-Kummissjoni se tqis l-iżvantaġġi kkawżati mill-periferalità u speċifiċitajiet reġjonali oħrajn, li jkollhom impatt negattiv fuq il-livell tar-riskju tal-proġett tar-riċerka.

([162]) Cf. Qafas R&D&I, Taqsima 7.3.4.

([163]) Cf. Qafas R&D&I, Taqsima 7.4.

([164]) L-impatt fuq il-kompetizzjoni fil-proċess ta' l-innovazzjoni se jkun relevanti safejn ikollu impatt prevedibbli fuq ir-riżultat tal-kompetizzjoni futura fis-suq tal-prodott. Għad-dettalji ara t-Taqsima 7.4 (it-3 paragrafu) tal-Qafas R&D&I.

▼M3

E) Jekk relevanti, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar l-effetti fuq il-kummerċ (bidla fil-flussi tal-kummerċ u fil-post ta' l-attività ekonomika):

.....

.....

8.6.2 Tfixkil ta' l-inċentivi dinamiċi

L-elementi li ġejjin se jitqiesu mill-Kummissjoni fl-analiżi tagħha ta' l-effetti ta' l-għajnuna fuq l-inċentivi dinamiċi tal-kompetituri sabiex jinvestu. Jekk jogħġbok indika dawk li fir-rigward tagħhom huma pprovduti dokumenti ta' prova:

☐ ammont ta' l-għajnuna;

☐ qrubija għas-suq/kategorija ta' l-għajnuna;

☐ proċess miftuħ ta' għażla;

☐ ostakli għall-ħruġ;

☐ inċentivi għall-kompetizzjoni f'suq futur;

☐ differenzjazzjoni tal-prodott u intensità tal-kompetizzjoni.

8.6.3 Il-ħolqien tas-saħħa tas-suq

L-elementi li ġejjin se jitqiesu mill-Kummissjoni fl-analiżi tagħha ta' l-effetti ta' l-għajnuna fuq is-saħħa tas-suq tal-benefiċjarju. Jekk jogħġbok indika dawk li fir-rigward tagħhom huma pprovduti dettalji u dokumenti ta' prova:

☐ saħħa tas-suq tal-benefiċjarju ta' l-għajnuna u struttura tas-suq;

☐ livell ta' ostakli għad-dħul;

☐ saħħa tax-xerrej;

☐ proċess ta' l-għażla.

8.6.4 Iż-żamma ta' strutturi tas-suq ineffiċjenti

Jekk jogħġbok speċifika jekk l-għajnuna tingħata:

☐ fi swieq li jkun fihom kapaċità żejda;

☐ f'industriji li qegħdin fi kriżi;

☐ f'setturi sensittivi.

Jekk jogħġbok ipprovdi dettalji u dokumenti ta' prova:

.....

.....

9. **Akkumulazzjoni** ([165])

A) L-għajnuna li qed tingħata taħt il-miżura nnotifikata hija marbuta ma' għajnuna

☐ iva ☐ le

B) Jekk iva, jekk jogħġbok iddeskrivi r-regoli tà l-akkumulazzjoni applikabbli għall-miżura ta' għajnuna nnotifikata:

.....

.....

.....

.....

C) Jekk jogħġbok speċifika kif ir-rispett tar-regoli tà l-akkumulazzjoni se jiġi vverifikat taħt il-miżura ta' għajnuna nnotifikata.

.....

.....

.....

.....

([165]) Cf. Qafas R&D&I, Kapitolu 8.

([166]) Jekk jogħġbok innota li l-għajnuna għall- R&D&I m'għandhiex tiġi akkumulata ma' l-appoġġ *de minimis* fir-rigward ta' l-istess spejjeż eliġibbli b'mod li ma jiġux rispettati l-intensitajiet massimi ta' l-għajnuna stabbiliti fil-Qafas ta' l-R&D&I.

▼M3

10. **Mistoqsijiet speċifiċi relatati ma' l-agrikoltura u s-sajd** ([167])

A) L-għajnuna fir-riċerka u l-iżvilupp tikkonċerna prodotti elenkati fl-Anness I tat-Trattat tal-KE?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika t-tip ta' prodotti:

.....

.....

B) Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi t-tweġibiet għal dawn il-mistoqsijiet li ġejjin:

— l-għajnuna hija ta' interess ġenerali fis-settur jew sub-settur partikolari kkonċernat?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, agħti provi:

.....

.....

— l-informazzjoni li se ssir ir-riċerka, u li b'liema għan, hija ppubblikata fuq l-internet qabel il-bidu tar-riċerka U l-informazzjoni ppubblikata tinkludi data approssimattiva tar-riżultati mistennija u l-post tal-pubblikazzjoni tagħhom fuq l-internet, filwaqt li jissemma li r-riżultat se jkun disponibbli mingħajr ħlas?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, agħti provi u speċifika l-indirizz ta' l-internet:

.....

.....

— ir-riżultati tar-riċerka huma disponibbli fuq l-internet, għal perjodu ta' mill-anqas 5 snin U jista' jiġi kkonfermat li l-informazzjoni mogħtija fuq l-internet se tkun ippubblikata mhux aktar tard minn meta tingħata lill-membri ta' kwalunkwe organizzazzjoni partikolari?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, agħti provi:

.....

.....

— l-għajnuna hija mogħtija direttament lill-istituzzjoni jew entità li tagħmel ir-riċerka U teskludi l-għoti dirett ta' għajnuna mhux għar-riċerka lill-kumpanija li tipproduċi, tipproċessa jew tikkummerċjalizza prodotti agrikoli, kif ukoll l-għoti ta' appoġġ tal-prezzijiet għall-produtturi ta' dawn il-prodotti?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, agħti provi:

.....

.....

Jekk it-tweġibiet għal kull waħda mill-erba' kundizzjonijiet tat-Taqsima B aktar 'il fuq huma iva, l-intensità ta' l-għajnuna sa 100% tista' tkun permessa. Jekk le, każijiet ta' għajnuna għall-R&D għal prodotti elenkati fl-Anness I għat-Trattat tal-KE għandhom jiġu eżaminati skond ir-regoli normali tal-Qafas R&D&I.

C) Speċifika l-intensità totali ta' l-għajnuna (%): .....

([167]) Cf. Qafas R&D&I, Kapitolu 9.

▼M3

D) Kooperazzjoni skond ir-Regolament Nru 1698/2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-EAFRD ([168])

Il-kooperazzjoni ġiet approvata għall-kofinanzjament tal-Komunità taħt l-Artikolu 29 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 U/JEW l-għajnuna mill-Istat hija mogħtija bħala finanzjament addizzjonali taħt l-Artikolu 89 ta' dan ir-Regolament taħt l-istess kundizzjonijiet u bl-istess intensità tal-kofinanzjament ([169])?

☐ iva ☐ le

Jekk le, każijiet ta' għajnuna għall-R&D għal prodotti elenkati fl-Anness I għat-Trattat tal-KE għandhom jiġu eżaminati skond ir-regoli normali tal-Qafas R&D&I.

11. **Rappurtar u monitoraġġ** ([170])

11.1 *Rapporti annwali*

Jekk jogħġbok innota li din l-obbligazzjoni ta' rappurtar hija mingħajr ħsara għall-obbligu ta' rappurtar taħt ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill Nru 659/1999 ([171]).

Jekk jogħġbok ikkommetti ruħek li tippreżenta rapporti annwali lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-miżura nnotifikata ta' għajnuna, li jkun fih l-elementi kollha elenkati hawn taħt ([172]).

— isem il-benefiċjarju;

— ammont ta' għajnuna għal kull benefiċjarju;

— L-intensità ta' l-għajnuna;

— setturi ta' attività fejn ikun sar il-proġett megħjun.

☐ Iva

11.2 *Dokumenti ta' tagħrif, monitoraġġ*

A) Jekk jogħġbok ikkommetti ruħek li żżomm rekords dettaljati dwar l-għoti ta' l-għajnuna bl-informazzjoni kollha neċessarja sabiex ikun stabbilit li l-ispejjeż eliġibbli u l-intensità massima permissibbli ta' għajnuna jkunu ġew osservati.

☐ iva

B) Jekk jogħġbok ikkommetti ruħek li tiżgura li r-rekords dettaljati msemmija fit-Taqsima A aktar 'il fuq jinżammu għal 10 snin mid-data li fiha tingħata l-għajnuna.

☐ iva

C) Jekk jogħġbok ikkommetti ruħek li tippreżenta r-rekords imsemmija fit-Taqsima A aktar 'il fuq fuq talba tal-Kummissjoni.

☐ iva

12. **Tagħrif ieħor**

Jekk jogħġbok agħti kull tagħrif ieħor li tqis neċessarju sabiex jiġu vvalutati l-miżuri kkonċernati taħt il-Qafas tal-Komunità għall-għajnuna mill-Istat għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni.

([168]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 ta' l-20 ta' Settembru 2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD), (ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1) kif emendat mir-Regolament (KE) nru 1463/2006, (ĠU L 277, 9.10.2006, p. 1).

([169]) Il-Kummissjoni se tippermett l-għajnuna mill-Istat għall-kooperazzjoni skond l-Artikolu 29 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 ta' l-20 ta' Settembru 2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD) jekk din il-kooperazzjoni tkun ġiet approvata mill-Komunità għall-kofinanzjament taħt dak l-Artikolu u/jew l-għajnuna mill-Istat tingħata bħala finanzjament addizzjonali taħt l-Artikolu 89 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 taħt l-istess kundizzjonijiet u bl-istess intensità bħall-kofinanzjament.

([170]) Cf. Qafas R&D&I, Taqsima 10.1.

([171]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1).

([172]) Fir-rigward ta' l-obbligi speċifiċi tar-rappurtar għar-ragruppamenti, jekk jogħġbok ara t-Taqsima 10.1.1 (ir-4 paragrafu) tal-Qafas R&D&I.

▼B

TAQSIMA III.7.A

PAĠNA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR GĦAJNUNA BIEX JIĠU SALVATI DITTI F'DIFFIKULTÀ

Din il-paġna ta' informazzjoni supplimentari għandha tintuża għan-notifikazzjoni ta' skemi biex jiġu salvati ditti f'diffikultà koperti bil-linji gwida tal-Komunità dwar għajnuna ta' l-Istat biex jiġu salvati u ristrutturati ditti f'diffikultà [1].

1. **Eliġibilità**

1.1. L-iskema hija limitata għal ditti li jħarsu ta' l-anqas wieħed mill-kriterji ta' eliġibilità ta' hawn taħt:

1.1.1. L-iskema hija limitata għal ditti, fejn aktar min-nofs il-kapital reġistrat tagħhom ikun sparixxa u aktar minn kwart tal-kapital ikun intilef fit-12-il xahar li jiġu qabel?

☐ iva ☐ le

1.1.2. Id-ditti huma kumpanniji mhux limitati, fejn aktar min-nofs il-kapital tagħhom kif muri fil-kontijiet tal-kumpannija jkun sparixxa u aktar minn kwart tal-kapital ikun intilef fit-12-il xahar li jiġu qabel?

☐ iva ☐ le

1.1.3. Id-ditti jissodisfaw il-kriterji taħt il-liġI domestika f'li jkunu suġġetti għal proċedimenti collettivi ta' falliment?

☐ iva ☐ le

1.2. L-iskema hija limitata li ssalva intrapriżi żgħar u ta' daqs medju f'diffikultà li jikkorrispondu mat-tifsira tal-Komunità ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju?

☐ iva ☐ le

2. **Forma ta' għajnuna**

2.1. L-għajnuna tingħata taħt l-iskema fil-forma ta' garanzija għal self jew self?

☐ iva ☐ le

2.2. Jekk iva, is-self jingħata b'rata ta' mgħax ta' l-anqas komparabbli ma' dik osservata għal ditti b'saħħithom, u b'mod partikolari r-rata ta' referenza adottata mill-Kummissjoni?

☐ iva ☐ le

Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dettaljata.

▼M6

2.3. L-għajnuna taħt l-iskema se tkun marbuta ma' self li għandu jitħallas lura fi żmien sitt xhur minn meta jsir l-ewwel pagament lill-impriża?

▼B

☐ iva ☐ le

3. **Elementi oħraOther elements**

3.1. L-għajnuna taħt l-iskema tkun ġustifikata fuq il-bażi ta' diffikultajiet soċjail serji? Jekk jogħġbok iġġustifika.

3.2. L-għajnuna taħt l-iskema jkollha konsegwenzi debiti kuntrarji fuq Stati Membri oħra? Jekk jogħġbok iġġustifika.

3.3. Jekk jogħġbok spjega għaliex taħseb li l-iskema ta' għajnuna hija limitata għall-minimu meħtieġ (jiġifieri hija ristretta għall-ammont meħtieġ biex id-ditta tinżamm fin-negozju għall-perjodu li matula l-għajnuna hija awtorizzata. Dan m'għandux imur 'l hinn minn perjodu ta' sitt xhur):

3.4. Tintrabat, li fi żmien sitt xhur wara l-għoti ta' l-għajnuna, jew tapprova pjan ta' ristrutturar jew plan ta' likwidazzjoni, jew titlob il-ħlas lura tas-self jew l-għajnuna li tikkorrispondi mal-premium tar-riskju mill-benefiċjarju?

☐ iva ☐ le

Jekk jogħġbok speċifika l-ammont massimu ta' l-għajnuna li tista' tingħata lil xi ditta waħda bħala parti mill-operazzjoni ta' salvataġġ:

.....

3.5. Ipprovdi l-informazzjoni kollha relevanti dwar għajnuna ta' kull xorta li tista' tingħata lil ditti eliġibbli li jirċievu għajnuna biex jiġu salvati matul l-istess perjodu ta' żmien.

4. **Rapport annwali**

4.1. Tintrabat li tipprovdi rapporti, ta' l-anqas fuq bażi annwali, dwar l-operat ta' l-iskema, li jkun fihom l-informazzjoni speċifikata fl-istruzzjonijiet tal-Komunità dwar rapporti standardised?

☐ iva ☐ le

[1] Linji Gwida tal-Komunità dwar għajnuna ta' l-Istat biex jiġu salvati u ristrutturati ditti f'diffikultà, ĠU 288, 9.10.1999, p. 2.

▼B

4.2. Tintrabat li tinkludi f'dak ir-rapport lista td-ditti benefiċjarji li jkun fihom ta' l-anqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem tal-kumpannija;

(b) il-kodiċi settorali tagħha, bl-użu tal-kodiċi ta' klassifikazzjoni settorali NACE ([1]) ta' żewġ figuri;

(ċ) in-numru ta' impjegati;

(d) il-bejgħ annwali u l-valur tal-karta tal-bilanċ;

(e) l-ammont ta' għajnuna mogħtija;

(f) fejn xieraq, xi għajnuna ta' ristrutturar, jew sostenn ieħor ittrattat bħala tali, lit kun irċeviet fil-passat;

(g) jekk il-kumpannija benefiċjarja tkun ingħalqitx jew le jew tkun suġġetta għall proċedimenti kollettivi ta' falliment qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ristrutturar.

☐ iva ☐ le

5. **Informazzjoni oħra**

Jekk jogħġbok indika hawnhekk kull informazzjoni oħra li tqis relevanti għall-istima tal-miżura/I konċernata/i taħt il-linji gwida dwar għajnuna biex jiġu salvati u ristrutturati ditti f'diffikultà.

TAQSIMA III.7.B

PAĠNA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR GĦAJNUNA BIEX JIĠU SALVATI DITTI F'DIFFIKULTÀ: GĦAJNUNA INDIVIDWALI

Din il-paġna ta' informazzjoni supplimentari għandha tintuża għan-notifikazzjoni ta' għajnuna individwali taż salvataġġ koperta bil-linji gwida tal-Komunità dwar għajnuna ta' l-Istat biex jiġu salvati u ristrutturati ditti f'diffikultà ([2])**.**

1. **Eliġibilità**

1.1. Jekk id-ditta hija kumpannija limitata, fejn aktar min-nofs il-kapital reġistrat tagħha jkun sparixxa u aktar minn kwart ta' dak il-kapital ikun intilef fit-12-il xahar li jiġu qabel?

☐ iva ☐ le

1.2. Id-ditta hija kumpannija mhux limitata, fejn aktar min-nofs il-kapital tagħha kif muri fil-kontijiet tal-kumpannija jkun sparixxa u aktar minn kwart ta' dak il-kapital ikun intilef fit-12-il xahar li jiġu qabel?

☐ iva ☐ le

1.3. Id-ditta jissodisfa il-kriterji taħt il-liġI domestika f'li tkun suġġetta għal proċedimenti collettivi ta' falliment?

☐ iva ☐ le

Jekk jogħġbok iġġustifika. Jekk weġibt iva għal xi waħda mid-domandi ta' hawn fuq, jekk jogħġbok hemż id-dokumenti relevanti (il-konteġġI l-aktar reċenti tal-qliegħ jew telf mal-karta tal-bilanċ, jew deċiżjoni tal-qorti li fetħet investigazzjoni tal-kumpannija taħt il-liġI nazzjonali dwar il-kumpanniji).

Jekk weġibt le għad-domandi kollha ta' hawn fuq, jekk jogħġbok ibgħat evidenza li ssostni li d-ditta tkun f'diffikultajiet, biex hi tkun eliġibbli għall-għajnuna ta' salvataġġ.

1.4. Id-ditta meta nħolqot? ....

1.5. Kemm ilha topera d-ditta? ....

([1]) Klassifikazzjoni statistika ta' l-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea ppublikat mill-Uffiċċju ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej V.

([2]) Linji Gwida tal-Komunità dwar għajnuna ta' l-Istat biex jiġu salvati u ristrutturati ditti f'diffikultà L ĠU C 288, 9.10.1999, p. 2.

▼B

1.6. Il-kumpannija tagħmel parti minn grupp akbar ta' negozju?

☐ iva ☐ le

Jekk weġibt iva, jekk jogħġbok ibgħat dettalji sħaħ dwar il-grupp (mappa ta' l-orgnaizzazzjoni, li turi r-rabtiet bejn il-membri tal-grupp bid-dettalji dwar il-kapital u d-drittijiet tal-vot) u hemeż prova li d-diffikultajiet tal-kumpannija huma tagħha proprjiu m'humiex ir-riżultat ta' xi allokazzjoni arbitrarja ta' nefqiet fi ħdan il-grupp u li d-diffikultajiet huma serji wisq biex jiġu ttrattati mill-grupp innifsu.

1.7. Fil-passat id-ditta (jew il-grupp li tagħmel parti minnu) irċevew xi għajnuna ta' salvataġġ?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi dettalji sħaħ (data, ammont, referenza għad-deċiżjoni ta' qabel tal-Kummissjoni jekk applikabbli, eċċ.)

2. **Forma ta' għajnuna**

2.1. L-għajnuna hija fil-forma ta' garanzija ta' self jew self? Għandhom jiġu provduti kopji tad-dokumenti relevanti.

☐ iva ☐ le

2.2. Jekk iva, is-self jingħata b'rata ta' mgħax ta' l-anqas komparabbli ma' dik osservata għal ditti b'saħħithom, u b'mod partikolari r-rata ta' referenza adottata mill-Kummissjoni?

☐ iva ☐ le

Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dettaljata.

▼M6

2.3. L-għajnuna hija marbuta ma' self li għandu jitħallas lura fi żmien sitt xhur minn meta jsir l-ewwel pagament lill-impriża?

▼B

☐ iva ☐ le

3. **Elementi oħra**

3.1. L-għajnuna hija ġustifikata fuq il-bażi ta' diffikultajiet soċjali serji? Jekk jogħġbok iġġustifika.

3.2. L-għajnuna jkollha konsegwenzi debiti kuntrarji fuq Stati Membri oħra? Jekk jogħġbok iġġustifika.

3.3. Jekk jogħġbok spjega għaliex taħseb li l-iskema ta' għajnuna hija limitata għall-minimu meħtieġ (jiġifieri hija ristretta għall-ammont meħtieġ biex id-ditta tinżamm fin-negozju għall-perjodu li matula l-għajnuna hija awtorizzata). Dan għandu jsir fuq il-bażi ta' pjan ta' likwidità għas-sitt xhur li jkun imiss u fuq il-bażi ta' paragon man-nefqiet ta' l-operat u l-pożijiet finanzjarji matul it-12-il xahar li jiġu qabel.

3.4. Tintrabat, li mhux aktar tard minn sitttxhur wara li l-miżura ta' l-għajnuna biex tiġI salvata tkun ġiet awtorizzata, li tikkomunika lill-Kummissjoni pjan ta' ristrutturar jew plan ta' likwidazzjoni, jew xhieda li self kien tħallas lura kollu kemm hu u/jew li l-garanzija kienet ġiet terminata?

☐ iva ☐ le

4. **Informazzjoni oħra**

Jekk jogħġbok indika hawnhekk kull informazzjoni oħra li tqis relevanti għall-istima tal-miżura/I konċernata/i taħt il-linji gwida dwar għajnuna biex jiġu salvati u ristrutturati ditti f'diffikultà.

▼B

TAQSIMA III.8.A

PAĠNA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR SKEMI GĦALL-GĦAJNUNA GĦAR-RISTRUTTURAR TA' DITTI F'DIFFIKULTÀ

Din il-paġna ta' informazzjoni supplimentari għandha tintuża għan-notifikazzjoni ta' skemi taż għajnuna għar-ristrutturar koperti bil-linji gwida tal-Komunità dwar għajnuna ta' l-Istat biex jiġu salvati u ristrutturati ditti f'diffikultà [1].

1. **Eliġibilità**

1.1. L-iskema hija limitata għal ditti li jikkonformaw ta' l-anqas ma' wieħed mill-kriterji ta' eliġibilità mniżżla hawn taħt:

1.1.1.
L-iskema hija limitata għal ditti, fejn aktar min-nofs il-kapital reġistrat tagħhom jkun sparixxa u aktar minn kwart ta' dak il-kapital ikun intilef fit-12-il xahar li jiġu qabel?

☐ iva ☐ le

1.1.2.
Jekk idd-ditti hija kumpanniji mhux limitati, fejn aktar min-nofs il-kapital tagħhom kif muri fil-kontijiet tal-kumpannija jkun sparixxa u aktar minn kwart ta' dak il-kapital ikun intilef fix-xhurr li jiġu qabel?

☐ iva ☐ le

1.1.3.
Id-ditti jissodisfaw il-kriterji taħt il-liġI domestika f'li tkun suġġetta għal proċedimenti collettivi ta' falliment?

☐ iva ☐ le

1.2. L-iskema hija limitata għar-ristrutturar ta' intrapriżi żgħar jew ta' daqs medju f'diffikultà li jikkorrispondu mat-tifsira tal-Komunità ta' intrapriżi żgħar jew ta' daqs medju?

☐ iva ☐ le

2. **Ritorn għal vijabilità**

Għandu jiġI implimentat pjan ta' ristrutturar li għandu jassigura r-ritorn għall-vijabilità. Ta' l-anqas għandha tiġI nkluża l-informazzjoni li ġejja:

2.1. Presentazzjoni ta' l-assunzjonijiet differenti tas-suq li jirriżultaw minn stħarriġ tas-suq.

2.2. Analiżi tar-raġuni/jiet għaliex id-ditta sabet ruħha f'diffikultajiet.

2.3. Presentazzjoni ta' strateġija future proposta għad-ditta u kif din għandha twassal għall-vijabilità.

2.4. Deskrizzjoni sħiħa u ħarsa tal-miżuri differenti ppjanati ta' ristrutturar u l-ispiża tagħhom.

2.5. Orarju għall-implimentazzjoni tal-miżuri differenti u l-limitu ta' żmien finali għall-implimentazzjoni tal-pjan kollhu kemm hu ta' ristrutturar.

2.6. Informazzjoni dwar il-kapaċità tal-produzzjoni tal-kumpannija, u b'mod partikolari dwar l-utilizzazzjoni ta' din il-kapaċità, tnaqqis tal-kapaċità.

2.7. Deskrizzjoni sħiħa taż l-arranġamenti finanzjarji għar-ristrutturar, inkluż:

— Użu sħiħ tal-kapital li jkun għadu disponibbli;

— Il-bejgħ ta' assi jew sussidjarji biex jgħinu l-ffinanzjar tar-ristrutturar;

— L-impenn finanzjarju mid-detenturi ta' l-ishma differenti u partijiet terzi (bħal kredituri, banek);

— L-ammont ta' assistenza pubblika u li tintwera l-ħtieġa għal dak l-ammont;

[1] Linji Gwida tal-Komunità dwar għajnuna ta' l-Istat biex jiġu salvati u ristrutturati ditti f'diffikultà L ĠU C 288, 9,10.1999, p. 2.

▼B

2.8. KonteġġI proġettati tal-profitt u t-telf għall-ħames snin li jmiss bid-dħul stmat fuq il-kapital u studju ta' sensitività bbażat fuq diversi xenarji;

2.9. L-isem/ismijiet ta' l-awtur/i talpjan ta' ristrutturar u d-data li fiha tħejja.

3. **L-evitar ta' tgħawwiġ indebitu ta' kompetizzjoni**

L-iskema tipprovdi li d-ditti li jirċievu m'għandhomx iżidu l-kapaċità tagħhom matul il-pjan ta' ristrutturar?

☐ iva ☐ le

4. **Għajnuna limitata għall-ammont meħtieġ**

Iddeskrivi kif għandu jiġI assigurat li l-għajnuna mogħtija taħt l-iskema tiġI limitata għall-minimu meħtieġ.

5. **One timed, L-aħħar darba**

Huwa eskluż li d-ditti li jirċievu għajnuna ta' ristrutturar aktar minn darba matul perjodu ta' għaxar snin?

☐ iva ☐ le

Il-każi kollha fejn dan il-prinċipju ma jiġix rispettat għandhom jiġu rapportati invidwalment.

6. **Ammont ta' għajnuna**

6.1. Jekk jogħġbok speċifika l-ammont massimu ta' għajnuna li jista' jingħata lil xi ditta waħda bħala parti mill-operazzjoni ta' ristrutturar: .....

6.2. Ipprovdi l-informazzjoni relevanti kollha dwar għajnuna ta' kull tip li tista' tingħata lil ditti eliġibbli biex jirċievu għajnuna ta' ristrutturar.

7. **Rapport annwali**

7.1. Tintrabat li tipprovdi rapporti, ta' l-anqas fuq bażi annwali dwar l-operat ta' l-iskema, li jkun fihom l-informazzjoni speċifikata fl-istruzzjonijiet tal-Komunità dwar rapporti standardized?

☐ iva ☐ le

7.2. Tintrabat li f'dawk ir-rapporti tinkludi lista ta' ditti benefiċjarji li jkun fihom ta' l-anqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem tal-kumpannija;

(b) il-kodiċi settorali tagħha, bl-użu tal-kodiċi ta' klassifikazzjoni settorali NACE ([1]) ta' żewġ figuri;

(ċ) in-numru ta' impjegati;

(d) -bejgħ annwali u l-valur tal-karta tal-bilanċ;

(e) l-ammont ta' għajnuna mogħtija;

(f) fejn xieraq, xi għajnuna ta' ristrutturar, jew sostenn ieħor ittrattat bħala tali, lit kun irċeviet fil-passat;

(g) jekk il-kumpannija benefiċjarja tkun ingħalqitx jew le jew tkun suġġetta għall proċedimenti kollettivi ta' falliment qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ristrutturar.

☐ iva ☐ le

([1]) Klassifikazzjoni statistika ta' l-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea ppublikat mill-Uffiċċju ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej V.

▼B

8. **Informazzjoni oħra**

Jekk jogħġbok indika hawnhekk kull informazzjoni oħra li tqis relevanti għall-istima tal-miżura/i konċernata/i taħt il-linji gwida dwar għajnuna biex jiġu salvati u ristrutturati ditti f'diffikultà.

TAQSIMA III.8.B

PAĠNA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR GĦAJNUNA GĦAR-RISTRUTTURAR TA' DITTI F'DIFFIKULTÀ: GĦAJNUNA INDIVIDWALI

Din il-paġna ta' informazzjoni supplimentari għandha tintuża għan-notifikazzjoni ta' għajnuna individwali taż salvataġġ koperta bil-linji gwida tal-Komunità dwar għajnuna ta' l-Istat biex jiġu salvati u ristrutturati ditti f'diffikultà [1]**.**

1. **Eliġibilità**

1.1. Jekk id-ditta hija kumpannija limitata, fejn aktar min-nofs il-kapital reġistrat tagħha jkun sparixxa u aktar minn kwart ta' dak il-kapital ikun intilef fit-12-il xahar li jiġu qabel?

☐ iva ☐ le

1.2. Id-ditta hija kumpannija mhux limitata, fejn aktar min-nofs il-kapital tagħha kif muri fil-kontijiet tal-kumpannija jkun sparixxa u aktar minn kwart ta' dak il-kapital ikun intilef fit-12-il xahar li jiġu qabel?

☐ iva ☐ le

1.3. Id-ditta tissodisfa il-kriterji taħt il-liġI domestika f'li tkun suġġetta għal proċedimenti kollettivi ta' falliment?

☐ iva ☐ le

Jekk weġibt iva għal xi waħda mid-domandi ta' hawn fuq, jekk jogħġbok hemeż id-dokumenti relevanti (il-konteġġI l-aktar reċenti tal-qliegħ jew telf mal-karta tal-bilanċ, jew deċiżjoni tal-qorti li feṫet investigazzjoni tal-kumpannija taħt il-liġI nazzjonali dwar il-kumpanniji).

Jekk weġibt le għad-domandi kollha ta' hawn fuq, jekk jogħġbok ibgħat evidenza li ssostni li d-ditta tkun f'diffikultajiet, biex hi tkun eliġibbli għall-għajnuna ta' salvataġġ.

1.4. Id-ditta meta nħolqot? .....

1.5. Kemm ilha topera d-ditta? .....

1.6. Il-kumpannija tagħmel parti minn grupp akbar ta' negozju?

☐ iva ☐ le

Jekk weġibt iva, jekk jogħġbok ibgħat dettalji sħaħ dwar il-grupp (mappa ta' l-orgnaizzazzjoni, li turi r-rabtiet bejn il-membri tal-grupp bid-dettalji dwar il-kapital u d-drittijiet tal-vot) u hemeż prova li d-diffikultajiet tal-kumpannija huma tagħha proprjiu m'humiex ir-riżultat ta' xi allokazzjoni arbitrarja ta' nefqiet fi ħdan il-grupp u li d-diffikultajiet huma serji wisq biex jiġu ttrattati mill-grupp innifsu.

1.7. Fil-passat id-ditta (jew il-grupp li tagħmel parti minnu) irċevew xi għajnuna ta' ristrutturar?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi dettalji sħaħ (data, ammont, referenza għad-deċiżjoni ta' qabel tal-Kummissjoni jekk applikabbli, eċċ.)

[1] Linji Gwida tal-Komunità dwar għajnuna ta' l-Istat biex jiġu salvati u ristrutturati ditti f'diffikultà ĠU C 288, 910.1999, p. 2. Jekk jogħġbok innota li għandha tintuża formola speċifika fil-każ ta' għajnuna għar-ristrutturar ta' ditti fis-settur ta' l-avjazzjoni (Taqsima III.13.a) kif ukoll fis-settur agrikolu (Taqsima III. 12.p).

▼B

2. **Pjan ta' ristrutturar**

2.1. Jekk jogħġbok ibgħat kopja ta' l-istħarriġ tas-suq/swieq servuti mid-ditta f'diffikultà, bl-isem ta' l-organizzazzjoni li wettqitu. L-istħarriġ għandu jagħti b'mod partikolari:

2.1.1. Definizzjoni preċiża tal-prodott u s-suq/swieq ġeografiċi.

2.1.2. L-ismijiet tal-kompetituri prinċipali tal-kumpannija bl-ishma tagħhom fis-suq dinji, tal-Komunità jew domestiku, kif xieraq.

2.1.3. L-evoluzzjoni tas-sehem tas-suq tal-kumpanijja fis-snin reċenti.

2.1.4. Stima tal-kapaċità totali ta' produzzjoni u t-talba fil-livell tal-Komunità, u kkonkludi jekk hemmx jew le kappaċità żejda fuq is-suq.

2.1.5. Previżjonijiet tal-Komunità għx-xejriet fit-talba, l-kapaċità aggregate u l-prezz fis-suq matul il-ħames snin li jiġu wara.

2.2 Jekk jogħġbok hemeż il-pjan ta' ristrutturar. Ta' l-anqas għandha tiġI nkluża l-informazzjoni li ġejja:

2.1.1. Presentazzjoni ta' l-assunzjonijiet differenti tas-suq li jirriżultaw mill-istħarriġ tas-suq.

2.2.2. Analiżi tar-raguni/jiet għaliex id-ditta sabet ruħha f'diffikultajiet.

2.2.3. Presentazzjoni ta' l-istrateġija future proposta għad-ditta u kif din twassal għall-vijabilità.

2.2.4. Deskrizzjoni sħiħa u ħarsa tal-miżuri differenti ppjanati ta' ristrutturar u l-ispiża tagħhom.

2.2.5. Orarju għall-implimentazzjoni tal-miżuri differenti u l-limitu ta' żmien finali għall-implimentazzjoni tal-pjan kollhu kemm hu ta' ristrutturar.

2.2.6. Informazzjoni dwar il-kapaċità tal-produzzjoni tal-kumpannija, u b'mod partikolari dwar l-utilizzazzjoni ta' din il-kapaċità, tnaqqis tal-kapaċità.

2.2.7. Deskrizzjoni sħiħa taż l-arranġamenti finanzjarji għar-ristrutturar, inkluż:

— Użu sħiħ tal-kapital li jkun għadu disponibbli;

— Il-bejgħ ta' assi jew sussidjarji biex jgħinu l-ffinanzjar tar-ristrutturar;

— L-impenn finanzjarju mid-detenturi ta' l-ishma differenti u partijiet terzi (bħal kredituri, banek);

— L-ammont ta' assistenza pubblika u li tintwera l-ħtieġa għal dak l-ammont;

2.2.8. KonteġġI proġettati tal-profitt u t-telf għall-ħames snin li jmiss bid-dħul stmat fuq il-kapital u studju ta' sensitività bbażat fuq diversi xenarji;

2.2.9. L-isem/ismijiet ta' l-awtur/i talpjan ta' ristrutturar u d-data li fiha tħejja.

2.3. Deskrizzjoni tal-miżuri kumpensatorji proposti bil-ħsieb li jiġu mitigate l-effetti dekorattivi fuq kompetizzjoni fil-livell tal-Komunità. V

2.4. Ipprovdi l-informazzjoni relevanti kollha dwar għajnuna ta' kull tip mogħtija lil ditta li tirċievi għajnuna ta' ristrutturar, sew jekk taħt skema jew le, sakemm jintemm il-perjodu ta' ristrutturar. V

3. **Informazzjoni oħra**

Jekk jogħġbok indika hawnhekk kull informazzjoni oħra li tqis relevanti għall-istima tal-miżura/i konċernata/i taħt il-linji gwida dwar għajnuna biex jiġu salvati u ristrutturati ditti f'diffikultàPlease indicate here any other information you consider relevant to the assessment of the measure(s) concerned under the guidelines on aid for rescuing and restructuring firms in difficulty.

▼B

TAQSIMA III.9

PAĠNA TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR GĦAJNUNA GĦAL-PRODUZZJONI AWDJOVIŻWALI

Din il-paġna ta' informazzjoni supplimentari għandha tintuża għan-notifikazzjoni ta' għajnuna koperta bil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ċerti aspetti legali li jirrelataw ma' xogħlijiet ċinematografiċi u awdjoviżivi oħra ([1]).

1. **L-iskema ta' l-għajnuna**

1.1. Jekk jogħġbok iddeskrivi eżattament kemm jista' jkunl-għan ta' l-għajnuna u l-kamp ta' applikazzjoni tagħha, fejn xieraq, għal kull miżura.

1.2. L-għajnuna tibbenefika direttament lejn il-ħolqien taż xogħol kultutrali (għat-ċinema u t-tlevixin)?

1.3. Jekk jogħġbok indika x'disposizzjonijiet jeżistu biex jiggarantixxu l-għan kulturali ta' l-għajuna:

.....

.....

1.4. L-għajnuna għandha l-iskop li ssotni investiment industrijali?

2. **Kondizzjonijiet għall-eliġibilità**

Jekk jogħġbok indika l-kondizzjonijiet għall-eliġibilità għall-għajnuna ppjanata:

.....

.....

2.2. Benefiċjari:

2.2.1. L-iskemi tiddistingwi bejn kategoriji differenti ta' benefiċjarji (per eżempju, persuna naturali/ġuridika, produttur/xandara dipendenti/indipendenti, eċċ.)? .....

.....

2.2.2. L-iskema tipprovdi għal differnza fuq bażi ta' nazzjonalità jew lok tar-residenza?

.....

.....

2.2.3. Fil-każ ta' stabbiliment fit-territorju ta' Stat Membru, il-benefiċjarji għandhom l-obbligu li jħarsu xi kondizzjonijiet minbarra dik li jkunu rappresentati minn agenzija permanenti? Innota li kondizzjonijiet ta' stabbiliment għandhom jiġu mfissra fir-rigward tat-territorju ta' l-Istat Membru u mhux għal sub-diviżjoni ta' dak l-Istat.

2.2.4. Jekk l-għajnuna jkollha element ta' taxxa, il-benefiċjarju għandu jħares xi obbligi jew kondizzjonijiet oħra minbarra dawk li jkollu dħul taxxabbli fit-territorju ta' l-Istat Membru?

3. **Kopertura territorjali**

3.1. Jekk jogħġbok indika jekk hemmx disposizzjoni għal xi forma ta' obbligazzjoni li jonfoq fit-territorju ta' l-Istat Membru jew f'xi waħdam is-sub-diviżjonijiet tiegħu.

3.2. Huwa meħtieġ li jkun hemm konformità ma' grad minimu ta' kopertura territorjali sabiex ikun eliġibbli għall-għajnuna?

3.3. Il-kopertura territorjali meħtieġa hija kalkolata fir-rigward ta' l-estimi kollha tal-film jew ta' l-ammont ta' għajnuna?

3.4. Il-kondizzjoni tal-kopertura territorjali tapplika għal ċerti partiti speċifiċi ta' l-estimi tal-produzzjoni?

3.5. L-ammont assolut ta' l-għajnuna huwa aġġustabbli fi proporzjon man-nefqa mwttqa fit-territorju ta' l-Istat Membru?

3.6. L-intensità ta' l-għajnuna hija direttament proporzjonata mal-grad effettiv tal-kopertura territorjali?

3.7. L-għajnuna hija aġġustabbli fi proporzjon tal-grad tal-kopertura territorjali meħtieġa?

([1]) Communikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjail u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar ċerti aspetti legali li jirrelataw ma' xogħlijiet ċinematigrafiċi u awdjoviżivi oħra, ĠU C 43, 16.2.2002, p. 6.

▼B

4. **Nefqiet eliġibbli**

4.1. Jekk jogħġbok speċifika n-nefqiet li jista' jingħata kont tagħhom biex jiġI stabbilit l-ammont ta' għajnuna.

4.2. In-nefqiet eliġibbli jirrelataw kollha kemm huma mal-ħolqien ta' xogħol ċinematografiku jew awdjoviżiv?

5. **Intensità ta' l-għajnuna**

5.1. Jekk jogħġbok indika jekk l-iskema tipprovdix għall-użu tal-kunċett ta' film diffiċili b'estimu baxx sabiex tinkiseb intensità ta' għajnuna ta' aktar minn 50 % ta' l-estimi tal-produzzjoni.

5.2. Jekk iva, jekk jogħġbok indika l-kategoriji tal-film koperti b'dan il-kunċett.

5.3. Jekk jogħġbok indika jekk l-għajnuna tistax tiġI kombinata ma' skemi oħra ta' għajnuna ("kumulazzjoni ta' għajnuna')" jew disposizzjonijiet oħra għal għajnuna u, jekk hekk, liema arranġamenti jintgħamlu biex tiġI limitata dik il-kumulazzjoni jew biex jiġI żgurat li, fil-każ ta' kumulazzjoni, l-intensità massima ta' għajnuna għax-xogħol ma tinqabiżx.

6. **Kompatibilità**

6.1. Jekk jogħġbok ipprovdi ġustifikazzjoni raġunata b'sostenn għall-kompatibilit ta' l-għajnuna fid-dawl tal-prinċipji stipulate fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ċerti aspetti legali li jirrelataw ma' xogħlijiet ċinematografiċi u awdjoviżwali.

7. **Informazzjoni oħra**

Jekk jogħġbok indika hawnhekk kull informazzjoni oħra li tqis relevanti għall-istima tal-miżura/i konċernata/i taħt il-Komunikazzjoni dwar ċerti aspetti legali li jirrelataw ma' xogħlijiet ċinematografiċi u awdjoviżiv.

▼M4

PARTI III.10

DOKUMENT TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI DWAR L-GĦAJNUNA MILL-ISTAT GĦALL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT

Dan id-dokument ta' informazzjoni supplimentari għandha tintuża għan-notifika ta' kwalunkwe għajnuna koperta mil-Linji Gwida tal-Komunità dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-Ħarsien ta' l-ambjent (minn issa 'l quddiem "Linji Gwida dwar l-Ambjent" [1]*. Din tista' tintuża wkoll għall-għajnuna individwali għall-ħarsien ta' l-ambjent li ma taqa' taħt l-ebda eżenzjoni ta' kategorija jew li tkun suġġetta għal obbligu ta' notifika individwali minħabba li taqbeż il-limiti tan-notifika individwali stipulati fl-eżenzjoni ta' kategorija.*

1. **Karatteristiċi bażiċi tal-miżura notifikata**

Jekk jogħġbok imla l-partijiet rilevanti tal-formola tan-notifika li tikkorrispondi man-natura tal-miżura nnotifikata. Hawn taħt għandek issib gwida bażika.

A) Jekk jogħġbok speċifika t-tip ta' għajnuna u imla l-partijiet xierqa tat-**Taqsima 3** ("Kompatibbiltà ta' l-għajnuna taħt l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat tal-KE") ta' dan id-dokument ta' informazzjoni supplimentari:

☐ Għajnuna għal impriżi li jissuperaw l-istandards Komunitarji jew li jgħollu l-livell tal-ħarsien ta' l-ambjent fl-assenza ta' standards Komunitarji, imla t-Taqsima 3.1

☐ Għajnuna għax-xiri ta' vetturi ġodda għat-trasport li jissuperaw l-istandards Komunitarji jew li jgħollu l-livell tal-ħarsien ta' l-ambjent fl-assenza ta' standards Komunitarji, imla t-Taqsima 3.1

☐ Għajnuna lill-SMEs biex jadattaw kmieni għal standards Komunitarji futuri, imla t-Taqsima 3.2

☐ Għajnuna għal studji dwar l-ambjent, imla t-Taqsima 3.3

☐ Għajnuna għall-iffrankar ta' l-enerġija, imla t-Taqsima 3.4

☐ Għajnuna għas-sorsi ta' enerġija li tiġġedded, imla t-Taqsima 3.5

☐ Għajnuna għall-koġenerazzjoni, imla t-Taqsima 3.6

☐ Għajnuna għal tisħin urban effiċjenti fl-enerġija, imla t-Taqsima 3.7

☐ Għajnuna għall-ġestjoni ta' l-iskart, imla t-Taqsima 3.8

☐ Għajnuna għar-riabilitazzjoni ta' siti kontaminati, imla t-Tasima 3.9

☐ Għajnuna għar-riallokazzjoni ta' l-impriżi, imla t-Taqsima 3.10

☐ Għajnuna involuta fi skemi ta' permessi negozjabbli, imla t-Taqsima 3.11

☐ Għajnuna f'forma ta' tnaqqis jew eżenzjonijiet mit-taxxi ambjentali, imla t-Taqsima 6.

Minbarra dan, jekk jogħġbok imla: **it-Taqsima 4** (Effett ta' inċentiv u neċessità ta' l-għajnuna), **it-Taqsima 7** (Kriterji li

[1] ĠU C 82, 1.4.2008, p. 1. Għad-dettalji dwar l-użu ta' dan id-dokument ta' informazzjoni supplimentari fis-setturi ta' l-agrikoltura u s-sajd ara t-Taqsima 2.1 (punti 59 u 61) tal-Linji Gwida dwar l-Ambjent.

▼M4

jinstigaw evalwazzjoni dettaljata) **it-Taqsima 8** (Informazzjoni addizzjonali għal evalwazzjoni dettaljata [1]) u **t-Taqsima 10** (Rappurtar u monitoraġġ).

B) Jekk jogħġbok agħti spjegazzjoni tal-karatteristiċi ewlenin (l-għan, l-effetti probabbli ta' l-għajnuna, l-istrument ta' għajnuna, l-intensità ta' l-għajnuna, il-benefiċjarji, il-baġit, eċċ) tal-miżura nnotifikata.

C) Tista' l-għajnuna tingħaqad ma' għajnuna oħra?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, imla **t-Taqsima 9** (Akkumulazzjoni) ta' dan id-dokument ta' informazzjoni supplimentari.

D) *L-għajnuna hija mogħtija sabiex* jiġi promoss it-twettiq ta' proġett importanti ta' interess Ewropew komuni?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok imla **t-Taqsima 5** (Kompatibbiltà ta' l-għajnuna taħt l-Artikolu 87(3)(b) tat-Trattat tal-KE) ta' dan id-dokument ta' informazzjoni supplementari.

E) Fil-każ li l-għajnuna individwali nnotifikata hija bbażata fuq skema approvata, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji dwar dik l-iskema (in-numru tal-każ, it-titlu ta' l-iskema, id-data ta' l-approvazzjoni mill-Kummissjoni):

.....

.....

F) Jekk jogħġbok ikkonferma li jekk l-għajnuna/il-bonus għall-impriżi ż-żgħar jingħataw, il-benefiċjarji jikkonformawx mad-definizzjoni ta' l-impriżi ż-żgħar kif definita mil-leġiżlazzjoni Komunitarja:

☐ iva

G) Jekk jogħġbok ikkonferma li jekk l-għajnuna/il-bonus għall-impriżi medji jingħataw, il-benefiċjarji jikkonformawx mad-definizzjoni ta' l-impriżi medji kif definita mil-leġiżlazzjoni Komunitarja:

☐ iva

H) Jekk applikabbli, jekk jogħġbok indika x'inhi r-rata tal-kambju li ntużat għall-iskopijiet tan-notifika:

.....

.....

I) Jekk jogħġbok agħti numru lid-dokumenti kollha pprovduti mill-Istati Membri bħala annessi għall-formola ta' notifika u indika n-numri tad-dokumenti fil-partijiet rilevanti ta' dan id-dokument ta' informazzjoni supplimentari.

2. **Għan ta' l-għajnuna**

A) Fid-dawl ta' l-għanijiet komuni indirizzati mil-Linji Gwida dwar l-għajnuna għall-ambjent (Taqsima 1.2) jekk jogħġbok indika l-għanijiet ambjentali segwiti mill-miżura nnotifikata. Jekk jogħġbok agħti deskrizzjoni dettaljata għal kull tip differenti ta' għajnuna li għandha tingħata taħt il-miżura nnotifikata:

.....

.....

B) Jekk il-miżura nnotifikata kienet diġà ġiet applikata fil-passat, jekk jogħġbok indika r-riżultati tagħha f'termini tal-ħarsien ta'

[1] Jekk jogħġbok innota li t-Taqsimiet 4, 7 u 8 m'għandhomx jimtlew meta jkun hemm eżenzjonijiet u tnaqqis mit-taxxi ambjentali li jaqgħu taħt il-Kapitolu 4 tal-linji gwida għall-ambjent.

▼M4

l-ambjent (jekk jogħġbok indika n-numru tal-każ rilevanti u d-data ta' l-approvazzjoni mill-Kummissjoni u, jekk ikun possibbli, ehmeż ir-rapporti ta' evalwazzjoni nazzjonali tal-miżura):

.....

.....

C) Jekk il-miżura hija ġdida, jekk jogħġbok indika r-riżultati antiċipati u l-perjodu li matulu għandhom jintlaħqu:

.....

.....

3. **Kompatibbiltà ta' l-għajnuna taħt l-artikolu 87(3)(c) tat-trattat tal-ke**

Jekk hemm diversi benefiċjarji involuti fil-proġett innotifikat bħala għajnuna individwali, jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni ta' hawn taħt għal kull wieħed minnhom.

3.1. *Għajnuna għal impriżi li jtejbu lilhinn mill-istandards Komunitarji jew li jgħollu l-livell tal-ħarsien ta' l-ambjent fl-assenza ta' standards Komunitarji* ([1])

3.1.1. Natura ta' -investimenti appoġġjati, standards applikabbli

A) Jekk jogħġbok speċifika jekk l-għajnuna tingħatax għal:

☐ investimenti li jippermettu lill-benefiċjarju jżid il-livell ta' ħarsien ta' l-ambjent li jirriżulta mill-attivitajiet tiegħu permezz ta' titjib fuq l-istandards Komunitarji applikabbli ([2]), irrispettivament mill-preżenza ta' standards nazzjonali mandatorji li huma aktar stretti mill-istandard Komunitarju;

JEW

☐ investimenti li jippermettu lill-benefiċjarju jżid il-livell ta' ħarsien ta' l-ambjent li jirriżulta mill-attivitajiet tiegħu fl-assenza ta' standards Komunitarji.

B) Jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji, inkluż, fejn applikabbli, l-informazzjoni dwar l-istandards Komunitarji rilevanti:

.....

.....

C) Jekk l-għajnuna tingħata biex jintlaħaq l-istandard nazzjonali li jaqbeż l-istandards Komunitarji, jekk jogħġbok indika l-istandards nazzjonali applikabbli u ehmeż kopja tagħhom:

.....

.....

3.1.2. Intensitajiet ta l-għajnuna u bonusijiet

Fil-każ ta' skemi ta' għajnuna, l-intensità ta' l-għajnuna għandha tiġi kkalkulata għal kull benefiċjarju ta' l-għajnuna.

A) X'inhi l-intensità massima ta' l-għajnuna applikabbli għall-miżura nnotifikata ([3])? .....

B) L-għajnuna ngħatat bi proċess ta' offerti li kienu ġenwinament kompetittivi ([4])?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok agħti dettalji rigward il-proċess kompetittiv u ehmeż kopja tan-notifika ta' l-offerta jew l-abbozz tagħha:

([1]) Ara l-Linji Gwida għall-ħarsien ta' l-ambjent, Taqsima 3.1.1.

([2]) Jekk jogħġbok innota li l-għajnuna tista' ma tingħatax meta t-titjib iwassal lill-kumpaniji biex jikkonformaw ma' l-istandards Komunitarji diġà adottati u li għadhom m'humiex fis-seħħ.

([3]) L-intensità massima ta' l-għajnuna hi ta' 50 % ta' l-ispejjeż eliġibbli ta' l-investiment.

([4]) Għal dettalji dwar il-proċess ta' offerti ġenwinament kompetittivi meħtieġ, ara l-punt 77 tal-Linji Gwida għall-għajnuna ambjentali.

▼M4

.....

.....

C) Bonusijiet:

Il-proġetti megħjuna jibbenfikaw minn bonus?

☐ iva ☐ le

Jekk Iva, jekk jogħġbok speċifika hawn taħt.

— Bonus ta' l-SME huwa applikat taħt l-iskema nnotifikata?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika l-livell ta' bonus applikabbli ([1]): .....

— Bonus għall-ekoinnovazzjoni ([2])

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok iddeskrivi kif il-kundizzjonijiet li ġejjin huma ssodisfati:

☐ l-assi jew il-proġett ta' ekoinnovazzjoni huma ġodda jew imtejba sostanzjalment meta mqabbla ma' l-aktar stat avvanzat fl-industrija fil-Komunità;

☐ il-benefiċċju ambjentali mistenni huwa ogħla, u b'mod sinifikattiv, mit-titjib li jirriżulta mill-evoluzzjoni ġenerali tax-xogħol kurrenti l-aktar avvanzat f'attivitajiet komparabbli;

☐ Il-karattru innovattiv ta' dawn l-assi jew proġetti jinvolvi grad ċar ta' riskju, f'termini teknoloġiċi, tas-suq jew finanzjarji, li huwa ogħla mir-riskju ġeneralment assoċjat ma' assi jew proġetti paragunabbli li m'humiex innovattivi.

Jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji li juru l-konformità mal-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq:

.....

.....

Speċifika l-livell ta' bonus applikabbli ([3]): .....

D) F'każ ta' skema ta' għajnuna, speċifika l-intensità totali ta' l-għajnuna tal-proġetti sostnuti taħt il-miżura ta' għajnuna nnotifikata (meta jitqiesu l-bonusijiet) (%): .....

3.1.3. Spejjeż Eliġibbli([4])

A) Jekk jogħġbok ikkonferma li l-ispejjeż eliġibbli huma limitati għall-ispejjeż addizzjonali ta' investiment meħtieġa sabiex jinkiseb livell ta' ħarsien ta' l-ambjent ogħla mil-livell mitlub mill-istandards Komunitarji:

☐ iva

B) Jekk jogħġbok ikkonferma li:

☐ l-ispejjeż preċiżi relatati mal-ħarsien ta' l-ambjent jikkostitwixxu l-ispejjeż eliġibbli, fil-każ li l-ispiża ta' l-investiment fil-ħarsien ta' l-ambjent tista' tkun faċilment identifikabbli;

JEW

([1]) L-intensità ta' l-għajnuna tista' tiġi miżjuda b'10 punti perċentwali għal impriżi ta' daqs medju u b'20 punt perċentwali għal impriżi żgħar.

([2]) Ara l-punt 78 tal-Linji Gwida tal-ħarsien ta' l-ambjent għad-dettalji. huwa applikat taħt il-miżura nnotifikata?

([3]) L-intensità ta' l-għajnuna tista' tiżdied b'10 punti perċentwali.

([4]) Għad-dettalji ara punti 80 u 84 tal-Linji Gwida tal-ħarsien ta' l-ambjent.

▼M4

☐ l-ispejjeż addizzjonali ta’ l-investiment huma stabbiliti permezz ta’ paragun bejn l-investiment u s-sitwazzjoni kontrofattwali fl-assenza ta’ l-għajnuna, jiġifieri l-investiment ta’ referenza ([1]);

U

☐ l-ispejjeż eliġibbli huma kkalkulati bħala netti minn kwalunkwe benefiċċji operattivi u spejjeż operattivi marbuta ma’ l-investiment addizzjonali għall-ħarsien ta’ l-ambjent u li jirriżultaw fl-ewwel ħames snin tat-tul ta’ żmien ta’ l-investiment ikkonċernat.

C) X’forma jieħdu l-ispejjeż eliġibbli?

☐ investimenti f’assi tanġibbli;

☐ investimenti f’assi mhux tanġibbli.

D) F’każ ta’ investimenti f’assi tanġibbli jekk jogħġbok indika l-forma/il-forom ta’ l-investimenti kkonċernati:

☐ investimenti f’art li huma strettament meħtieġa sabiex jintlaħqu l-għanijiet ambjentali;

☐ investimenti f’bini maħsuba biex inaqqsu jew jeliminaw it-tniġġiż u l-inkonvenjenzi;

☐ investimenti f’impjanti u tagħmir maħsuba biex inaqqsu jew jeliminaw it-tniġġiż u l-inkonvenjenzi;

☐ investimenti fl-adattar tal-metodi tal-produzzjoni bil-għan li jitħares l-ambjent.

E) F’każ ta’ investimenti f’assi mhux tanġibbli (trasferiment teknoloġiku permezz tal-ksib ta’ liċenzji operattivi jew ta’ kompetenzi li jkollhom u li ma jkollhomx privattiva) jekk jogħġbok ikkonferma li kwalunkwe wieħed minn dawn l-assi mhux tanġibbli jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

☐ għandu jitqies bħala ass li jiddeprezza;

☐ jiġu mixtrija fuq termini tas-suq, minn impriża li fiha l-akkwirent ma jkollu l-ebda poter ta’ kontroll dirett jew indirett,

☐ għandu jiddaħħal fl-assi ta’ l-impriża, u jibqa’ fl-istabbiliment tal-benefiċjarju ta’ l-għajnuna u jintuża hemmhekk għal mill-inqas ħames snin ([2]).

Barra dan, jekk jogħġbok ikkonferma li jekk l-ass mhux tanġibbli jinbiegħ matul dawk il-ħames snin:

☐ l-introjtu mill-bejgħ jitnaqqas mill-ispejjeż eliġibbli;

U

☐ parti mill-ammont jew l-ammont sħiħ ta’ l-għajnuna, fejn xieraq, jitħallsu lura.

F) Fil-każ ta’ investimenti bl-għan li jiksbu livell ta’ ħarsien amjentali ogħla minn ta’ l-istandards Komunitarji, jekk jogħġbok ikkonferma d-dikjarazzjonijiet rilevanti:

☐ jekk l-impriża tkun qiegħda taddatta għall-istandards nazzjonali adottati fl-assenza ta’ standards Komunitarji, l-ispejjeż eliġibbli jikkonsistu fl-ispejjeż ta’ l-investiment addizzjonali meħtieġa sabiex jintlaħaq il-livell tal-ħarsien ta’ l-ambjent meħtieġ mill-istandards nazzjonali;

([1]) Il-kontrofattwali korretta hija l-ispejjeż ta’ investiment teknikament kumparabbli li jipprovdi grad inqas ta’ ħarsien ta’ l-ambjent (ekwivalenti għall-istandards mandatorji tal-Komunità, jekk jeżistu) u dan jitwettaq b’mod kredibbli mingħajr għajnuna (“investiment ta’ referenza”). Ara l-punt 81 (b) tal-Linji Gwida għall-ħarsien ta’ l-ambjent.

([2]) Jekk jogħġbok innota li din il-kundizzjoni ma tapplikax jekk l-ass mhux tanġibbli huwa teknikament skadut. Ara l-Linji Gwida għall-għajnuna ambjentali.

▼M4

☐ jekk l-impriża tkun qed tadatta għal jew tmur lilhinn minn standards nazzjonali li huma aktar stretti mill-istandards Komunitarji rilevanti jew tagħmel titjib voluntarju fuq l-istandards Komunitarji, l-ispejjeż eliġibbli jikkonsistu fl-ispejjeż addizjonali ta' investiment meħtieġa sabiex jinkiseb livell ta' ħarsien ta' l-ambjent ogħla mil-livell meħtieġ skond l-istandards Komunitarji ([1]);

☐ jekk ma jkun hemm ebda standards, l-ispejjeż eliġibbli jkunu jikkonsistu fl-ispejjeż ta' l-investiment meħtieġa sabiex jintlaħaq livell ta' ħarsien ta' l-ambjent ogħla minn dak li l-impriża jew l-impriżi in kwistjoni kienu jilħqu fin-nuqqas ta' kwalunkwe għajnuna ambjentali.

G) Għal skemi ta' għajnuna, jekk jogħġbok ipprovdi metodoloġija dettaljata ta' kalkolu, b'referenza għas-sitwazzjoni kontrofattwali, li għandha tapplika għall-għotjiet ta' għajnuna individwali kollha bbażati fuq l-iskema notifikata, u pprovdi x-xhieda relevanti:

.....

.....

.....

Għall-miżuri individwali ta' għajnuna, jekk jogħġbok ipprovdi kalkolu dettaljat ta' l-ispejjeż eliġibbli tal-proġett ta' investiment notifikat, b'referenza għas-sitwazzjoni kontrofattwali, u pprovdi x-xhieda rilevanti:

.....

.....

.....

.....

.....

3.1.4. Regoli speċifiċi dwar l-għajnuna għax-xiri ta vetturi ġodda għat-trasport li jtejbu lilhinn mill-istandards Komunitarji jew li jgħollu l-livell tal-ħarsien ta' l-ambjent fl-assenza ta' standards Komunitarji([2])

Fil-każ ta' għajnuna għax-xiri ta' vetturi ġodda għat-trasport li jtejbu lilhinn mill-istandards Komunitarji jew li jgħollu l-livell tal-ħarsien ta' l-ambjent fl-assenza ta' standards Komunitarji, b'żieda mat-taqsimiet 3.1.-3.1.3:

A) Jekk jogħġbok ikkonferma li l-vetturi ġodda tat-trasport għat-triq, għal-linji tal-ferrovija, għall-kanali ta' l-ilma interni u għat-trasport marittimu li huma konformi ma' l-istandards Komunitarji adottati jkunu nxtraw qabel ma' dawn daħlu fis-seħħ u li l-istandards Komunitarji, meta jsiru mandatorji, ma japplikawx b'lura għal vetturi diġà mixtrija.

☐ iva

Jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji:

.....

.....

B) Għall-operazzjoni ta' adattament bl-għan tal-ħarsien ta' l-ambjent fis-settur tat-trasport, jekk jogħġbok ikkonferma li:

([1]) Jekk jogħġbok innota li l-ispiża ta' investimenti meħtieġa sabiex jintlaħaq il-livell ta' ħarsien meħtieġ mill-istandards Komunitarji m'hijiex eliġibbli.

([2]) Ara l-Linji Gwida tal-ħarsien ta' l-ambjent, Taqsima 3.1.2.

▼M4

☐ il-mezzi eżistenti tat-trasport huma aġġornati għall-istandards ambjentali li kienu għadhom mhux fis-seħħ fid-data meta bdew jaħdmu dawk il-mezzi ta' trasport

JEW

☐ il-mezzi tat-trasport mhumiex suġġetti għall-ebda standards ambjentali

3.2. *Għajnuna għal adattament bikri għall-istandards Komunitarji futuri* [1]

3.2.1. Kundizzjonijiet bażiċi

A) Jekk jogħġbok ikkonferna li l-investiment huwa implimentat u finalizzat għall-inqas sena qabel id-dħul fis-seħħ ta' l-istandard.

☐ iva ☐ le

Jekk iva, fil-każ ta' l-iskemi ta' għajnuna, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji dwar kif se tiġi żgurata l-konformità ma' din il-kundizzjoni:

....

....

Jekk iva, fil-każ ta' għajnuna individwali jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji u x-xhieda rilevanti:

....

....

B) Jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji ta' l-istandards Komunitarji rilevanti, inklużi d-dati rilevanti għall-iżgurar tal-konformità malkundizzjoni deskritta taħt A) hawn fuq:

....

....

3.2.2 Intensitajiet ta' l-għajnuna

X'inhi l-intensità bażika ta' l-għajnuna applikabbli għall-miżura nnotifikata?

— Għall-impriżi ż-żgħar [2]; …; .....

— għall-impriżi ta' daqs medju [3]: … .....

— għall-impriżi l-kbar [4]; .....

3.2.3. Spejjeż Eliġibbli

A) Jekk jogħġbok ikkonferma li l-ispejjeż eliġibbli huma limitati għall-ispejjeż addizzjonali ta' l-investiment meħtieġa sabiex jinkiseb illivell ta' ħarsien ambjentali meħtieġ mill-istandard Komunitarju meta mqabbel mal-livell eżistenti ta' ħarsien ambjentali meħtieġ qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-istandard:

☐ iva

B) Jekk jogħġbok ikkonferma li:

☐ l-ispejjeż preċiżi relatati mal-ħarsien ta' l-ambjent jikkostitwixxu

(1) Ara l-Linji Gwida għall-ħarsien ta' l-ambjent, Taqsima 3.1.3.

(2) L-intensità massima ta' l-għajnuna hi ta' 25 % jekk l-implimentazzjoni u l-finalizzazzjoni jsiru iktar minn tliet snin qabel id-data mandatorja tat-traspożizzjoni jew id-data tad-dħul fis-seħħ u l-20 % jekk l-implimentazzjoni u l-finalizzazzjoni jsiru bejn sena u tliet snin qabel id-data mandatorja ta' traspożizzjoni jew id-data tad-dħul fis-seħħ.

(3) L-intensità massima ta' l-għajnuna hi ta' 20 % jekk l-implimentazzjoni u l-finalizzazzjoni jsiru iktar minn tliet snin qabel id-data mandatorja tat-traspożizzjoni jew id-data tad-dħul fis-seħħ u l-15 % jekk l-implimentazzjoni u l-finalizzazzjoni jsiru bejn sena u tliet snin qabel id-data mandatorja ta' traspożizzjoni jew id-data tad-dħul fis-seħħ.

(4) L-intensità massima ta' l-għajnuna hi ta' 15 % jekk l-implimentazzjoni u l-finalizzazzjoni jsiru iktar minn tliet snin qabel id-data mandatorja tat-traspożizzjoni jew id-data tad-dħul fis-seħħ u l-10 % jekk l-implimentazzjoni u l-finalizzazzjoni jsiru bejn sena u tliet snin qabel id-data mandatorja ta' traspożizzjoni jew id-data tad-dħul fis-seħħ.

▼M4

l-ispejjeż eliġibbli, fil-każ li l-ispiża ta' l-investiment fil-ħarsien ta' l-ambjent tista' tkun faċilment identifikabbli;

JEW

☐ l-ispejjeż addizzjonali ta' l-investiment huma stabbiliti permezz ta' paragun bejn l-investiment u s-sitwazzjoni kontrofattwali fl-assenza ta' l-għajnuna, jiġifieri l-investiment ta' referenza [1];

U

☐ l-ispejjeż eliġibbli huma kkalkulati bħala netti minn kwalunkwe benefiċċji operattivi u spejjeż operattivi marbuta ma' l-investiment addizzjonali għall-ħarsien ta' l-ambjent u li jirriżultaw fl-ewwel ħames snin tat-tul ta' żmien ta' l-investiment ikkonċernat.

C) X'forma jieħdu l-ispejjeż eliġibbli?

☐ investimenti f'assi tanġibbli

☐ investimenti f'assi mhux tanġibbli

D) F'każ ta' investimenti f'assi tanġibbli jekk jogħġbok indika l-forma/il-forom ta' l-investimenti kkonċernati:

☐ investimenti f'art li huma strettament meħtieġa sabiex jintlaħqu l-għanijiet ambjentali;

☐ investimenti f'bini maħsuba biex inaqqsu jew jeliminaw it-tniġġiż u l-inkonvenjenzi;

☐ investimenti f'impjanti u tagħmir maħsuba biex inaqqsu jew jeliminaw it-tniġġiż u l-inkonvenjenzi;

☐ investimenti fl-adattar tal-metodi tal-produzzjoni bil-għan li jitħares l-ambjent.

E) F'każ ta' investimenti f'assi mhux tanġibbli (trasferiment teknoloġiku permezz tal-ksib ta' liċenzji operattivi jew ta' kompetenzi li jkollhom u li ma jkollhomx privattiva) jekk jogħġbok ikkonferma li kwalunkwe wieħed minn dawn l-assi mhux tanġibbli jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

☐ għandu jitqies bħala ass li jiddeprezza;

☐ jiġu mixtrija fuq termini tas-suq, minn impriża li fiha l-akkwirent ma jkollu l-ebda poter ta' kontroll dirett jew indirett,

☐ għandu jiddaħħal fl-assi ta' l-impriża, u jibqa' fl-istabbiliment tal-benefiċjarju ta' l-għajnuna u jintuża hemmhekk għal mill-inqas ħames snin [2].

Barra dan, jekk jogħġbok ikkonferma li jekk l-ass mhux tanġibbli jinbiegħ matul dawk il-ħames snin:

☐ l-introjtu mill-bejgħ jitnaqqas mill-ispejjeż eliġibbli;

U

☐ parti mill-ammont jew l-ammont sħiħ ta' l-għajnuna, fejn xieraq, jitħallsu lura.

F) Għal skemi ta' għajnuna, jekk jogħġbok ipprovdi metodoloġija dettaljata ta' kalkolu, b'referenza għas-sitwazzjoni kontrofattwali, li għandha tapplika għall-għotjiet ta' għajnuna individwali kollha bbażati fuq l-iskema notifikata, u pprovdi x-xhieda relevanti:

[1] Il-kontrofattwali korretta hija l-ispejjeż ta' investiment teknikament kumparabbli li jipprovdi grad inqas ta' ħarsien ta' l-ambjent u dan jitwettaq b'mod kredibbli mingħajr għajnuna. Ara l-punt 81 (b) tal-Linji Gwida għall-ħarsien ta' l-ambjent.

[2] Jekk jogħġbok innota li din il-kundizzjoni ma tapplikax jekk l-ass mhux tanġibbli huwa teknikament skadut. Ara l-Linji Gwida għall-għajnuna ambjentali.

▼**M4**

.....

.....

.....

.....

.....

Għall-miżuri individwali ta' għajnuna, jekk jogħġbok ipprovdi kalkolu dettaljat ta' l-ispejjeż eliġibbli tal-proġett ta' investiment notifikat, b'referenza għas-sitwazzjoni kontrofattwali, u pprovdi x-xhieda rilevanti:

.....

.....

.....

.....

.....

3.3. *Għajnuna għal studji dwar l-ambjent* ([1])

3.3.1. Studji marbuta direttament ma' l-investimenti bl-għan li jtejbu lilhinn mill-istandards Komunitarji, jew li jgħollu l-livell tal-ħarsien ta' l-ambjent fl-assenza ta standards Komunitarji

A) Jekk jogħġbok ikkonferma jekk l-għajnuna hix mogħtija għal studji marbuta direttament ma' investimenti bl-għan li jtejbu lilhinn mill-istandards Komunitarji, jew li jgħollu l-livell tal-ħarsien ta' l-ambjent fl-assenza ta' standards Komunitarji.

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika għal liema minn dawn l-għanijiet iservi l-investiment:

☐ huwa jippermetti lill-benefiċjarju jżid il-livell ta' ħarsien ta' l-ambjent li jirriżulta mill-attivitajiet tiegħu permezz ta' titjib fuq l-istandards Komunitarji applikabbli, irrispettivament mill-preżenza ta' standards nazzjonali mandatorji li huma aktar stretti mill-istandard Komunitarju;

JEW

☐ huwa jippermetti lill-benefiċjarju jżid il-livell ta' ħarsien ta' l-ambjent li jirriżulta mill-attivitajiet tiegħu fl-assenza ta' standards Komunitarji.

B) Jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji, inkluż, fejn applikabbli, l-informazzjoni dwar l-istandards Komunitarji rilevanti:

.....

.....

C) Jekk l-għajnuna tingħata għal studji direttament marbuta ma' l-investimenti bl-għan li jintlaħqu standards nazzjonali li jaqbżu l-istandards Komunitarji, jekk jogħġbok indika l-istandards nazzjonali applikabbli u ehmeż kopja tagħhom:

.....

.....

D) Jekk jogħġbok iddeskrivi t-tipi ta' studji li se jiġu appoġġjati:

.....

.....

([1]) Ara l-Linji Gwida għall-ħarsien ta' l-ambjent, Taqsima 3.1.4.

▼M4

.....

.....

.....

3.3.2. Studji direttament marbuta ma' investimenti għall-għanijiet li jintlaħaq l-iffrankar ta' l-enerġija

Jekk jogħġbok ikkonferma li l-għajnuna hix mogħtija għal studji marbuta direttament ma' investimenti bl-għan li jintlaħaq l-iffrankar ta' l-enerġija.

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi xhieda dwar kif l-għan ta' l-investiment rilevanti jikkonforma mad-definizzjoni ta' l-iffrankar ta' l-enerġija kif stipulat fil-punt 70 (2) tal-Linji Gwida għall-ħarsien ta' l-ambjent:

.....

.....

3.3.3. Studji direttament marbuta ma' investimenti li jipproduċu enerġija li tiġġedded

A) Jekk jogħġbok ikkonferma jekk l-għajnuna hix mogħtija għal studji marbuta direttament ma' investimenti bl-għan tal-produzzjoni ta' l-enerġija li tiġġedded.

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi xhieda dwar kif l-għan ta' l-investiment rilevanti jikkonforma mad-definizzjoni tal-produzzjoni ta l-enerġija li tiġġedded kif stipulat fil-punt 70 (5) u (9) tal-Linji Gwida għall-ħarsien ta' l-ambjent:

.....

.....

B) Jekk jogħġbok speċifika t-tip(i) ta' sorsi ta' enerġija li tiġġedded li hu maħsub li jkunu sostnuti bl-investiment marbut ma' l-istudju dwar l-ambjent u pprovdi d-dettalji:

.....

.....

3.3.4. Intensitajiet ta' l-għajnuna u bonusijiet

A) X'inhi l-intensità massima ta' l-għajnuna applikabbli għall-miżura nnotifikata ([1])?

.....

B) Bonus ta' l-SME huwa applikat taħt l-iskema nnotifikata?

☐ iva ☐ le

Jekk iva jekk jogħġbok speċifika l-livell ta' bonus applikabbli ([2]):

3.4. *Għajnuna għall-iffrankar ta' enerġija* ([3])

3.4.1. Kundizzjonijiet bażiċi

A) Jekk jogħġbok ikkonferma li l-miżura nnotifikata tikkonforma mad-definizzjoni ta' l-iffrankar ta' l-enerġija fil-punt 70 (2) tal-Linji Gwida għall-ħarsien ta' l-ambjent.

☐ iva

([1]) L-intensità massima ta' l-għajnuna hi ta' 50 % ta' l-ispejjeż ta' l-istudju.

([2]) Meta l-għajnuna tingħata f'isem SME, l-intensità ta' l-għajnuna tista' tiġi miżjuda b'10 punti perċentwali għal intrapriżi ta' daqs medju u b'20 punt perċentwali għal intrapriżi żgħar.

([3]) Ara l-Linji Gwida għall-ħarsien ta' l-ambjent, Taqsima 3.1.5.

▼M4

B) Jekk jogħġbok speċifika t-tip(i) ta' miżuri appoġġjati li jwassal/iwasslu għall-iffrankar ta' l-enerġija, kif ukoll il-livell ta' l-iffrankar ta' l-enerġija li għandu jintlaħaq, u pprovdi d-dettalji:

....

....

3.4.2. Għajnuna għall-investiment

3.4.2.1. Intensitajiet ta' l-għajnuna u bonusijiet

A) X'inhi l-intensità bażika ta' l-għajnuna applikabbli għall-miżura nnotifikata ([1]): .....

B) Bonusijiet:

— Bonus ta' l-SME huwa applikat taħt l-iskema nnotifikata?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika l-livell ta' bonus applikabbli ([2]):

C) L-għajnuna ngħatat bi proċess ta' offerti li kienu ġenwinament kompetittivi ([3])?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok aġħti dettalji rigward il-proċess kompetittiv u ehmeż kopja tan-notifika ta' l-offerta jew l-abbozz tagħha:

....

D) F'każ ta' skema ta' għajnuna, speċifika l-intensità totali ta' l-għajnuna tal-proġetti sostnuti taħt il-miżura ta' għajnuna nnotifikata (meta jitqiesu l-bonusijiet) (%):

....

....

3.4.2.2. Spejjeż Eliġibbli ([4])

A) Rigward il-kalkolu ta' l-ispejjeż eliġibbli, jekk jogħġbok ikkonferma li l-ispejjeż eliġibbli humiex limitati għall-ispejjeż addizzjonali ta' l-investiment meħtieġa sabiex issir il-konservazzjoni ta' l-enerġija f'livell ogħla mil-livell meħtieġ mill-istandards Komunitarji:

☐ iva

B) Jekk jogħġbok ikkjarifika wkoll jekk:

☐ l-ispejjeż preċiżi relatati ma' l-iffrankar ta' l-enerġija jikkostitwixxux l-ispejjeż eliġibbli, fil-każ li l-ispejjeż ta' l-investiment fl-iffrankar ta' l-enerġija jistgħux ikunu faċilment identifikabbli;

JEW

☐ il-parti ta' l-investiment direttament marbuta mal-konservazzjoni ta' l-enerġija huwa stabbilita permezz ta' paragun bejn l-investiment u s-sitwazzjoni kontrofattwali fl-assenza ta' l-għajnuna, jiġifieri l-investiment ta' referenza ([5]);

([1]) L-intensità massima ta' l-għajnuna hija ta' 60 % ta' l-ispejjeż eliġibbli ta' l-investiment.
([2]) L-intensità ta' l-għajnuna tista' tiġi miżjuda b'10 punti perċentwali għal impriżi ta' daqs medju u b'20 punt perċentwali għal impriżi żgħar.
([3]) Għal dettalji dwar il-proċess ta' offerti ġenwinament kompetittivi meħtieġ, ara l-punt 97 tal-Linji Gwida għall-għajnuna ambjentali.
([4]) Għad-dettalji ara l-punt 98 tal-Linji Gwida dwar l-Ambjent.
([5]) Il-kontrofattwali korretta hija l-ispejjeż ta' investiment teknikament kumparabbli li jipprovdi grad inqas ta' ħarsien ta' l-ambjent u dan jitwettaq b'mod kredibbli mingħajr għajnuna. Ara l-punt 81 (b) tal-Linji Gwida għall-ħarsien ta' l-ambjent.

▼M4

U

☐ l-ispejjeż eliġibbli humiex ikkalkulati netti minn kwalunkwe benefiċċji ta’ operazzjoni u spejjeż operattivi relatati ma’ l-investiment addizzjonali għall-konservazzjoni ta’ l-enerġija li jirriżultaw matul l-ewwel tliet snin ta’ ħajja ta’ l-investiment fil-każ ta’ l-SMEs, l-ewwel erba’ snin fil-każ ta’ impriżi kbar li m’humiex parti mis-Sistema ta’ Skambju ta’ Emissjonijiet CO_2 u l-ewwel ħames snin fil-każ ta’ impriżi kbar li huma parti mis-Sistema ta’ Skambju ta’ Emissjonijiet CO_2 ([1]).

C) Fil-każ ta’ investiment ta’ għajnuna biex jintlaħaq livell ta’ ffrankar ta’ l-enerġija ogħla mill-istandards Komunitarji, jekk jogħġbok ikkonferma liema waħda minn dawn id-dikjarazzjonijiet hija applikabbli:

☐ jekk l-impriża tkun qiegħda taddatta għall-istandards nazzjonali adottati fl-assenza ta’ standards Komunitarji, l-ispejjeż eliġibbli jikkonsistu fl-ispejjeż ta’ l-investiment addizzjonali meħtieġa sabiex jintlaħaq il-livell tal-ħarsien ta’ l-ambjent meħtieġ mill-istandards nazzjonali;

☐ jekk l-impriża tkun qed tadatta għal jew tmur lilhinn minn standards nazzjonali li huma aktar stretti mill-istandards Komunitarji rilevanti jew tagħmel titjib voluntarju fuq l-istandards Komunitarji, l-ispejjeż eliġibbli jikkonsistu fl-ispejjeż addizzjonali ta’ investiment meħtieġa sabiex jinkiseb livell ta’ ħarsien ta’ l-ambjent ogħla mil-livell meħtieġ skond l-istandards Komunitarji ([2]);

☐ jekk ma jkun hemm ebda standards, l-ispejjeż eliġibbli jkunu jikkonsistu fl-ispejjeż ta’ l-investiment meħtieġa sabiex jintlaħaq livell ta’ ħarsien ta’ l-ambjent ogħla minn dak li l-impriża jew l-impriżi in kwistjoni kienu jilħqu fin-nuqqas ta’ kwalunkwe għajnuna ambjentali.

D) X’forma jieħdu l-ispejjeż eliġibbli?

☐ investimenti f’assi tanġibbli;

☐ investimenti f’assi mhux tanġibbli.

E) Fil-każ ta’ investimenti f’assi tanġibbli jekk jogħġbok indika l-forma/il-forom ta’ l-investimenti kkonċernati:

☐ investimenti f’art li huma strettament meħtieġa sabiex jintlaħqu l-għanijiet ambjentali;

☐ investimenti f’bini maħsuba biex inaqqsu jew jeliminaw it-tniġġiż u l-inkonvenjenzi;

☐ investimenti f’impjanti u tagħmir maħsuba biex inaqqsu jew jeliminaw it-tniġġiż u l-inkonvenjenzi;

☐ investimenti fl-adattar tal-metodi tal-produzzjoni bil-għan li jitħares l-ambjent.

F) Fil-każ ta’ investimenti f’assi mhux tanġibbli (trasferiment teknoloġiku permezz tal-ksib ta’ liċenzji operattivi jew ta’ kompetenzi li jkollhom u li ma jkollhomx privattiva) jekk jogħġbok ikkonferma li kwalunkwe wieħed minn dawn l-assi mhux tanġibbli jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

☐ għandu jitqies bħala ass li jiddeprezza;

([1]) Jekk jogħġbok innota li għall-impriżi kbar dan il-perjodu jista’ jitnaqqas għall-ewwel tliet snin ta’ ħajja ta’ l-investiment fejn it-tnaqqis fiż-żmien ta’ dan l-investiment jista’ jiġi pprovat li ma jaqbiżx it-tliet snin.

([2]) Jekk jogħġbok innota li l-ispiża ta’ investimenti meħtieġa sabiex jintlaħaq il-livell ta’ ħarsien meħtieġ mill-istandards Komunitarji m’hijiex eliġibbli.

▼M4

☐ jiġu mixtrija fuq termini tas-suq, minn impriża li fiha l-akkwirent ma jkollu l-ebda poter ta' kontroll dirett jew indirett,

☐ għandu jiddaħħal fl-assi ta' l-impriża, u jibqa' fl-istabbiliment tal-benefiċjarju ta' l-għajnuna u jintuża hemmhekk għal mill-inqas ħames snin ([1]).

Barra dan, jekk jogħġbok ikkonferma li jekk l-ass mhux tanġibbli jinbiegħ matul dawk il-ħames snin:

☐ l-introjtu mill-bejgħ jitnaqqas mill-ispejjeż eliġibbli;

U

☐ parti mill-ammont jew l-ammont sħiħ ta' l-għajnuna, fejn xieraq, jitħallsu lura.

G) Għal skemi ta' għajnuna, jekk jogħġbok ipprovdi metodoloġija dettaljata ta' kalkolu, b'referenza għas-sitwazzjoni kontrofattwali ([2]), li għandha tapplika għall-għotjiet ta' għajnuna individwali kollha bbażati fuq l-iskema notifikata, u pprovdi x-xhieda relevanti:

.....

.....

.....

.....

.....

Jekk in-notifika tikkonċerna miżuri ta' għajnuna individwali, jekk jogħġbok ipprovdi kalkolu dettaljat ta' l-ispejjeż eliġibbli tal-proġett ta' investiment innotifikat, b'referenza għas-sitwazzjoni kontrofattwali, u pprovdi x-xhieda rilevanti:

.....

.....

.....

.....

.....

3.4.3. Għajnuna għall-funzjonament

A) Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni/kalkoli li juru li l-għajnuna hija limitata biex tikkumpensa l-ispejjeż netti ta' produzzjoni addizzjonali li jirriżultaw mill- investiment, filwaqt li tikkunsidra l-benefiċċji li jirriżultaw mill-konservazzjoni ta' l-enerġija ([3]):

.....

.....

B) Kemm hu twil iż-żmien tal-miżura ta' l-għajnuna għall-funzjonament ([4]): ….....

C) L-għajnuna hija digressiva?

☐ iva ☐ le

X'inhi l-intensità ta' l-għajnuna:

— għajnuna digressiva (jekk jogħġbok indika r-rati digressivi għal kull sena) ([5]): …; .....

— għajnuna mhux digressiva ([6]): ….....

([1]) Jekk jogħġbok innota li din il-kundizzjoni ma tapplikax jekk l-ass mhux tanġibbli huwa teknikament skadut. Ara l-Linji Gwida għall-għajnuna ambjentali.
([2]) Ara l-punt 81 (b) tal-Linji Gwida għall-ħarsien ta' l-ambjent.
([3]) Jekk jogħġbok innota li kwalunkwe għajnuna ta' investiment mogħtija lill-impriża firrigward ta' impjant ġdid għandha titnaqqas mill-ispejjeż tal-produzzjoni.
([4]) Jekk jogħġbok innota li t-tul irid ikun limitat għal massimu ta' 5 snin.
([5]) L-intensità ta' l-għajnuna ma tridx taqbeż il-100 % ta' l-ispejjeż addizzjonali fl-ewwel sena, imma trid tkun niżlet b'mod lineari sa żero sa l-aħħar tal-ħames sena.
([6]) L-intensità massima ta' l-għajnuna hija ta' 50 % ta' l-ispejjeż addizzjonali.

▼M4

3.5. *Għajnuna għal għejun ta' l-enerġija li jiġġeddu* ([1])

3.5.1. Kundizzjonijiet bażiċi

A) Jekk jogħġbok ikkonferma li l-għajnuna tingħata esklussivament għall-promozzjoni ta' l-għejun ta' enerġija li jiġġeddu kif inhu definit fil-Linji Gwida għall-għajnuna ambjentali ([2]).

☐ iva ☐ le

B) Fil-każ tal-promozzjoni tsal-bijofjuwil, jekk jogħġbok ikkonferma li l-għajnuna tingħata esklussivament għall-promozzjoni tal-bijofjuwil sostenibbli skond it-tifsira ta' dawk il-linji gwida.

☐ iva ☐ le

C) Jekk jogħġbok speċifika t-tip(i) ta' għejun ta' enerġija li jiġġeddu ([3]) sostnut(i) taħt il-miżura nnotifikata u agħti d-dettalji:

.....

.....

3.5.2. Għajnuna għall-investiment

3.5.2.1. Intensitajiet ta' l-għajnuna u bonusijiet

A) X'inhi l-intensità ta' għajnuna applikabbli għal kull wieħed mill-għejun għal enerġija li jiġġeddu sostnuta taħt il-miżura nnotifikata ([4]):…

B) Bonus ta' l-SME huwa applikat taħt l-iskema nnotifikata?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika l-livell ta' bonus applikabbli ([5]):
…

C) L-għajnuna ngħatat bi proċess ta' offerti li kienu ġenwinament kompetittivi ([6])?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok agħti dettalji rigward il-proċess kompetittiv u ehmeż kopja tan-notifika ta' l-offerta jew l-abbozz tagħha:

.....

D) Fil-każ ta' skema ta' għajnuna, speċifika l-intensità totali ta' l-għajnuna tal-proġetti sostnuti taħt il-miżura ta' għajnuna nnotifikata (meta jitqiesu l-bonusijiet) (%):

.....

.....

3.5.2.2. Spejjeż Eliġibbli ([7])

A) Jekk jogħġbok ikkonferma li l-ispejjeż eliġibbli huma l-ispejjeż ta' l-investiment żejda magħmula mill-benefiċjarju mqabbla ma'

([1]) Ara l-linji gwida Ambjentali, it-Taqsima 3.1.6.
([2]) Ara l-punt 70 (5) – (9) tal-Linji Gwida għall-għajnuna ambjentali.
([3]) Jekk jogħġbok innota li l-għajnuna għall-investiment u/jew għajnuna għall-funzjonament ta' bijokarburanti għandhom ikunu permessi biss f'dak li jirrigwarda l-bijokarburanti sostenibbli.
([4]) L-intensità massima ta' l-għajnuna hija ta' 60 % ta' l-ispejjeż eliġibbli ta' l-investiment
([5]) L-intensità ta' l-għajnuna tista' tiġi miżjuda b'10 punti perċentwali għal impriżi ta' daqs medju u b'20 punt perċentwali għal impriżi żgħar.
([6]) Għal dettalji dwar il-proċess ta' offerti ġenwinament kompetittivi meħtieġ, ara l-punt 104 tal-Linji Gwida għall-għajnuna ambjentali.
([7]) Għad-dettalji ara l-punt 105 u 106 tal-Linji Gwida dwar l-Ambjent.

▼M4

impjant ta' l-enerġija konvenzjonali jew ma' sistema ta' tisħin konvenzjonali bl-istess kapaċità f'termini ta' produzzjoni effettiva ta' enerġija:

☐ iva

B) Jekk jogħġbok ikkonferma li:

☐ l-ispiża relatata preċiża ta' l-enerġija li tiġġedded tikkostitwixxi l-ispejjeż eliġibbli, fil-każ meta l-ispiża fl-investiment f'enerġija li tiġġedded tista' tkun faċilment identifikabbli;

JEW

☐ l-ispejjeż addizzjonali ta' l-investiment huma stabbiliti permezz ta' paragun bejn l-investiment u s-sitwazzjoni kontrofattwali fl-assenza ta' l-għajnuna, jiġifieri l-investiment ta' referenza ([1]);

U

☐ l-ispejjeż eliġibbli għandhom ikunu kkalkulati bħala nett minn kull benefiċċji operattivi u l-ispejjeż marbuta ma' l-investiment addizzjonali għal għejun ta' l-enerġija li jiġġeddu u li jirriżultaw matul l-ewwel ħames snin tat-tul ta' żmien ta' l-investiment ikkonċernat.

C) X'forma jieħdu l-ispejjeż eliġibbli?

☐ investimenti f'assi tanġibbli;

☐ investimenti f'assi mhux tanġibbli.

D) Fil-każ ta' investimenti f'assi tanġibbli jekk jogħġbok indika l-forma/il-forom ta' l-investimenti kkonċernati:

☐ investimenti f'art li huma strettament meħtieġa sabiex jintlaħqu l-għanijiet ambjentali;

☐ investimenti f'bini maħsuba biex inaqqsu jew jeliminaw it-tniġġiż u l-inkonvenjenzi;

☐ investimenti f'impjanti u tagħmir maħsuba biex inaqqsu jew jeliminaw it-tniġġiż u l-inkonvenjenzi;

☐ investimenti fl-adattar tal-metodi tal-produzzjoni bil-għan li jitħares l-ambjent.

E) Fil-każ ta' investimenti f'assi mhux tanġibbli (trasferiment teknoloġiku permezz tal-ksib ta' liċenzji operattivi jew ta' kompetenzi li jkollhom u li ma jkollhomx privattiva) jekk jogħġbok ikkonferma li kwalunkwe wieħed minn dawn l-assi mhux tanġibbli jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

☐ għandu jitqies bħala ass li jiddeprezza;

☐ għandu jinxtara fuq termini tas-suq, minn impriża li fiha l-akkwirent ma jkollu l-ebda poter ta' kontroll dirett jew indirett,

☐ għandu jiddaħħal fl-assi ta' l-impriża, u jibqa' fl-istabbiliment tal-benefiċjarju ta' l-għajnuna u jintuża hemmhekk għal mill-inqas ħames snin ([2]).

Barra dan, jekk jogħġbok ikkonferma li jekk l-ass mhux tanġibbli jinbiegħ matul dawk il-ħames snin:

☐ l-introjtu mill-bejgħ jitnaqqas mill-ispejjeż eliġibbli;

U

([1]) Il-kontrofattwali korretta hija l-ispejjeż ta' investiment teknikament kumparabbli li jipprovdi grad inqas ta' ħarsien ta' l-ambjent u dan jitwettaq b'mod kredibbli mingħajr għajnuna. Ara l-punt 81 (b) tal-Linji Gwida għall-ħarsien ta' l-ambjent.

([2]) Jekk jogħġbok innota li din il-kundizzjoni ma tapplikax jekk l-ass mhux tanġibbli huwa teknikament skadut. Ara l-Linji Gwida għall-għajnuna ambjentali.

▼M4

☐ parti mill-ammont jew l-ammont sħiħ ta' l-għajnuna, fejn xieraq, jitħallsu lura.

F) Għal skemi ta' għajnuna, jekk jogħġbok ipprovdi metodoloġija dettaljata ta' kalkolu, b'referenza għas-sitwazzjoni kontrofattwali, li għandha tapplika għall-għotjiet ta' għajnuna individwali kollha bbażati fuq l-iskema notifikata, u pprovdi x-xhieda relevanti:

.....

.....

.....

.....

.....

Għall-miżuri individwali ta' għajnuna, jekk jogħġbok ipprovdi kalkolu dettaljat ta' l-ispejjeż eliġibbli tal-proġett ta' investiment notifikat, b'referenza għas-sitwazzjoni kontrofattwali, u pprovdi x-xhieda rilevanti:

.....

.....

.....

.....

.....

3.5.3. Għajnuna għall-funzjonament

Wara li tkun saret l-għażla tal-valutazzjoni ta' l-għajnuna għall-funzjonament ([1]), jekk jogħġbok imla l-parti rilevanti tat-taqsima ta' hawn taħt.

3.5.3.1. Għażla 1

A) Għat-tul ta' żmien tal-miżura nnotifikata, jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni li ġejja biex turi li l-għajnuna operattiva qed tingħata sabiex tkopri d-differenza bejn l-ispiża għall-produzzjoni ta' l-enerġija minn għejun li jiġġeddu u l-prezz tas-suq tal-forma ta' enerġija kkonċernata:

— analiżi dettaljata ta' l-ispiża għall-produzzjoni ta' l-enerġija minn kull wieħed mill-għejun li jiġġeddu rilevanti ([2]):

.....

.....

— analiżi dettaljata tal-prezz tas-suq tal-forma ta' enerġija kkonċernata:

.....

.....

B) Jekk jogħġbok ipprovdi xhieda li l-għajnuna għandha tingħata biss sakemm l-impjant ikun żvalutat għal kollox skond ir-regoli normali

([1]) Għad-dettalji dwar l-Għażla 1 ara l-punt 109 tal-Linji Gwida ambjentali, għall-Għażla 2 ara l-punt 110 tal-Linji Gwida ambjentali u għall-Għażla 3 ara l-punt 111 tal-Linji Gwida ambjentali.

([2]) Għall-iskemi ta' għajnuna l-informazzjoni tista' tingħata fil-forma ta' eżempju (teoretiku) ta' kalkolu (preferibbilment bl-ammonti mogħtija f'valuri attwali netti). L-ispejjeż tal-produzzjoni għandhom għall-inqas jiġu speċifikati separatament għal kull tip ta' għejun ta' enerġija li jiġġeddu. Informazzjoni speċifika tista' wkoll tkun utli għad-diversi kapaċitajiet ta' produzzjoni u għad-diversi tipi ta' installazzjoni ta' produzzjoni fejn l-istruttura ta' l-ispejjeż tvarja b'mod sinifikanti (pereżempju għall-enerġija minn impjanti bbażati fuq l-art u/jew l-enerġija mir-riħ 'il barra mill-kosta).

▼M4

ta' kontabbiltà ([1]) u agħti analiżi dettaljata tad-deprezzament ta' kull tip ([2]) ta' l-investimenti għall-ħarsien ta' l-ambjent:

.....

.....

Għall-iskemi ta' għajnuna, jekk jogħġbok speċifika kif se tkun assigurata l-konformità ma' din il-kundizzjoni:

.....

.....

Għall-għajnuna individwali, jekk jogħġbok agħti analiżi dettaljata li turi li din il-kundizzjoni hija ssodisfata:

.....

.....

C) Meta jiġi ddeterminat l-ammont ta' għajnuna għall-funzjonament, jekk jogħġbok uri kif kull għajnuna ta' investiment mogħtija lill-impriża kkonċernata fir-rigward ta' impjant ġdid hija mnaqqsa mill-ispejjeż tal-produzzjoni.

.....

.....

D) L-għajnuna tkopri wkoll rendiment normali fuq il-kapital?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji u l-informazzjoni/kalkoli li juru r-rata tar-rendiment normali u agħti raġunijiet għaliex ir-rata magħżula hi xierqa:

.....

.....

E) Għall-għajnuna għall-produzzjoni ta' enerġija li tiġġedded mill-bijomassa, meta l-għajnuna għall-funzjonament taqbeż l-ammont ta' investiment, jekk jogħġbok ipprovdi data jew xhieda (ibbażati fuq eżempji ta' kalkoli għall-iskemi ta' l-għajnuna jew kalkoli dettaljati għall-għajnuna individwali) li juru li l-ispejjeż ġenerali mħallsa mill-impriżi wara d-deprezzament ta' l-impjant jibqgħu ogħla mill-prezzijiet tas-suq ta' l-enerġija:

.....

.....

F) Jekk jogħġbok speċifika l-mekkaniżmi ta' sostenn preċiżi (meta jitqiesu r-rekwiżiti deskritti hawn fuq), u b'mod partikolari l-metodi ta' l-ikkalkular ta' l-ammont ta' għajnuna:

— għall-iskemi ta' għajnuna bbażati fuq eżempju (teoretiku) ta' proġett eliġibbli:

.....

.....

Barra minn hekk, jekk jogħġbok ikkonferma li l-metodoloġija għall-kalkolu deskritta hawn fuq ser tiġi applikata *għall-għotjiet ta' għajnuna individwali* kollha bbażati fuq l-iskema ta' għajnuna nnotifikata:

☐ iva

([1]) Jekk jogħġbok innota li kwalunkwe enerġija ulterjuri prodotta mill-impjant ma tikkwalifika għal ebda għajnuna. Madankollu, l-għajnuna tista' wkoll tkopri qliegħ fuq il-kapital normali.

([2]) Id-deprezzament għandu għall-inqas jiġi speċifikat separatament għal kull tip ta' għejun ta' enerġija li jiġġeddu source (preferibbilment bl-ammonti fil-valuru netti preżenti). Informazzjoni speċifika tista' wkoll tkun utli għal diversi kapaċitajiet ta' impjanti u impjanti ta' l-enerġija bbażati fuq l-art u/jew enerġija mir-riħ 'il barra mill-kosta.

▼M4

— għall-għajnuna individwali, jekk jogħġbok ipprovdi kalkolu dettaljat ta' l-ammont ta' għajnuna (wara li jitqiesu r-rekwiżiti deskritti hawn fuq):

.....

.....

G) Kemm hu twil iż-żmien tal-miżura nnotifikata?

.....

.....

Hija l-prassi tal-Kummissjoni li tillimita l-awtorizzazzjoni tagħha sa 10 snin. Jekk iva, tista' jekk jogħġbok tintrabat li tirrinotifika l-miżura fi żmien perjodu ta' 10 snin?

☐ iva ☐ le

3.5.3.2. Għażla 2

